ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**Kunsill Lokali Qormi**

# Rapport Annwali Amministrattiv

**JANNAR - DIĊEMBRU 2010**

**Ir-Raba' Sena tal-Leġislatura**
**Tal-Ħames Kunsill Lokali 2007 - 2012**

Werrej


| | |
|---|---|
| **L-Introduzzjoni tas-Sindku** | **2** |
| **Il-Kunsill** | **3** |
| **Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill** | **6** |
| **Il-Ħidma tal-Kunsill** | **10** |
| **L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fin-nefqa** | **29** |


**(Approvat Seduta nru. 54, it-Tlieta 02 ta' Awwissu 2011)**

## *1.0 L-Introduzzjoni tas-Sindku*

Jesmond Aquilina
Sindku

## *2.0 Il-Kunsill*

### 2.1 IL-KUNSILL

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi, Citta' Pinto, belt b'popolazzjoni ta' madwar 16,831 skont il-popolazzjoni stmata għal kull lokalita' fl-2010, huwa magħmul minn Ħdax-il Kunsillier, b'Sindku u Viċi-Sindku, eletti direttament mill-poplu Qormi.

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabilitajiet kollha skont l-Att XV ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexxija mis-Segretarju Eżekuttiv, bl-assistenza ta' ħames impjegati skrivani fix-xogħol tal-Uffiċċju.

Biex jgħinu fil-ħidma tiegħu, il-Kunsill jaħtar Kumitati/Sotto Kumitati, fejn il-funzjoni ta' dawn il-Kumitati/Sotto Kumitati, imwaqqfa fi ħdan il-Kunsill, hija proprju li jipproponu, jiddiskutu u jassistu lill-Kunsill fit-tħejjija tal-pjanijiet tiegħu sabiex ikunu mwettqa dawk ir-responsabbilitajiet fdati lill-Kunsill, bħala Gvern Lokali.

Il-kumitati u s-sotto-kumitati mwaqqfa f'dan il-ħames Kunsill, huma ħamsa u għandhom dawn il-Kunsilliera bil-karigi u l-funzjonijiet tagħhom li baqgħu l-istess matul din ir-raba' sena:

**Is-Sindku Jesmond Aquilina jmexxi l-Kumitat tal-Finanzi** bil-Viċi Sindku Kenneth Busuttil bħala Viċi Chairman u l-Kunsillier Ralph Puli bħala membru.

**Is-Sindku Jesmond Aquilina jmexxi l-Kumitat tal-Proġetti**, bil-Viċi Sindku Kenneth Busuttil bħala Viċi Chairman u l-Kunsilliera Angelo Briffa bħala membru.

**Il-Kunsillier Dennis Zammit imexxi s-Sotto-Kumitat ĠURNAL 'ID-DIELJA'** bil-Kunsilliera Bjorn Azzopardi u Simon Vella Gregory bħala membri.

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** huwa r-rappreżentant tal-Kunsill fuq il-Kumitat Konġunt Ċentrali għall-Infurzar tal-Liġi u Ordni Pubblika, bis-sostitut ikun il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil.

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** huwa r-rappreżentant tal-Kunsill fuq il-Kumitat Konġunt *Northern Harbour District* dwar l-i*Streetlighting* bis-sostitut tiegħu l-Viċi Sindku Kenneth Busuttil.

Fl-istess waqt kull Kunsillier għandu assenjat responsabbilta' fil-ħidma tal-ħames Kunsill kif ġej:

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** b'responsabbilta' li tinkludi il-Kumitat Finanzi, il-Kumitat Proġetti, l-Ambjent, l-Ordni Pubblika, u huwa r-Rappreżentant tal-Kunsill fil-Kumitati Konġunti.

**Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil** b'responsabbilta' li tinkludi l-Edukazzjoni Akkademika, ir-Relazzjonijiet Nazzjonali u ma' Kunsilli ġirien, huwa l-Viċi Chairman Kumitat Finanzi, il-Viċi Chairman Kumitat Proġetti u s-Sostitut fil-Kumitati Konġunti.

**Kunsillier Jason Busuttil** b'responsabbilta' tal-Kultura, tat-Turiżmu, tal-Għaqdiet u tal-Wirt Storiku.

**Il-Kunsillier Dennis Zammit** b'responsabbilta' li tinkludi il-Ħarsien Soċjali, is-Saħħa u Sigurta' u ż-Żgħażagħ.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** b'responsabbilta' li tinkludi ir-Relazzjonijiet Internazzjonali, l-*EU Funding*, il-Ġemellaġġ, u l-*Public Relations*.

**Il-Kunsillier Thomas Harmsworth** b'responsabbilta' li tinkludi l-iSports, it-*Traffic Management* u Sinjali tat-Traffiku, it-Tismija ta' Toroq.

**Il-Kunsillier Jeffrey Camilleri** b'responsabbilta' li tinkludi l-Anzjani u Persuni b'Diżabilita', il-Periferiji u *Housing Estates* u l-Proġett tal-*Club Houses*.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** b'responsabbilta' li tinkludi t-*Traffic Management* u Sinjali tat-Traffiku, l-Ordni Pubblika, kif ukoll Membru fil-Kumitat Finanzi.

**Il-Kunsillier Margaret Mercieca** b'responsabbilta' li tinkludi l-Kultura, l-Anzjani u l-Persuni b'Diżabilita.

**Il-Kunsillier Angelo Briffa** b'responsabbilta' li tinkludi l-Ambjent u Membru fil-Kumitat Proġetti.

**Il-Kunsillier Simon Vella Gregory** b'responsabbilta' li tinkludi il-Ħarsien Soċjali, l-EU Funding u ż-Żgħażagħ.

## 2.2 PARTEĊIPAZZJONI FIL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL

Bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-31 ta' Diċembru 2010 inżammu tnax-il (12) laqgħa tal-Kunsill, ġeneralment dejjem nhar ta' Tlieta fis-7.00 ta' filgħaxija, u l-attendenza kienet hekk:

| | KUNSILLIERA | LAQGĦAT | PREŻENTI | SKUŻAT/A | % |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Is-Sindku Jesmond Aquilina | 12 | 12 | 0 | **100%** |
| 2 | Il-Kunsillier Ralph Puli | 12 | 9 | 3 | **75%** |
| 3 | Il-Viċi Sindku Kenneth Busuttil | 12 | 10 | 2 | **83%** |
| 4 | Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi | 12 | 12 | 0 | **100%** |
| 5 | Il-Kunsillier Jason Busuttil | 12 | 9 | 3 | **75%** |
| 6 | Il-Kunsillier Dennis Zammit | 12 | 11 | 1 | **92%** |
| 7 | Il-Kunsillier Jeffrey Camilleri | 12 | 12 | 0 | **100%** |
| 8 | Il-Kunsillier Angelo Briffa | 12 | 12 | 0 | **100%** |
| 9 | Il-Kunsillier Margaret Mercieca | 12 | 11 | 1 | **92%** |
| 10 | Il-Kunsillier Simon Peter Vella Gregory | 12 | 8 | 4 | **67%** |
| 11 | Il-Kunsillier Thomas Harmsworth | 12 | 10 | 2 | **83%** |

**Nirringrazzja lill-Kunsilliera kollha għall-ħidma tagħhom fil-Kunsill matul din is-sena 2010.**

## 2.3 L-AMMINISTRAZZJONI TAL-KUNSILL:

Matul din is-sena wkoll l-Amministrazzjoni tal-Kunsill taħt it-tmexxija tas-Segretarju Eżekuttiv kienet komposta bħas-snin ta' qabel hekk:

| | |
|---|---|
| John A. Farrugia BA | Kap Eżekuttiv, Amministrattiv u Finanzjarju |
| Marilyn Gatt Baldacchino: | Sezzjoni Finanzi u Akkwist ta' Servizzi |
| Karen Camilleri: | Sezzjoni tar-Relazzjonijiet/Amministrazzjoni |
| Ritienne Sammut: | Sezzjoni Amministrazzjoni |
| Maria Aquilina: | Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mar-residenti |
| Bernice Darmanin: | Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mar-residenti |

**Matul din is-sena l-Ħaddiema ssekondati mal-Kunsill kienu:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Alfred Zerafa | Labourer mid-Dipartiment tax-Xogħol u Kostruzzjoni |
| Is-Sur Victor Camilleri | Industrial Project Services Ltd – ex Tarzna/Shipbuilding |
| Is-Sur Frankie Agius | Industrial Project Services Ltd – ex Tarzna/Shipbuilding |

**Il-Konsulenti tal-Kunsill:**

| | |
|---|---|
| Servizz Legali lill-Kunsill | L-Avukat Stefan Zrinzo Azzopardi LLD |
| Servizz ta' Perit | Il-Perit William Lewis A&CE |

Matul din is-sena, permezz tal-iskema mħaddma mill-ETC, żdiedu ħames ħaddiema li qed jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni ta' diversi postijiet.

Huwa permezz ta' dan it-*team* ta' ħaddiema kollu li flimkien inbena s-suċċess fil-ħidma kontinwa tagħna u fit-tmexxija ta' l-amministrazzjoni tal-Kunsill. Għalhekk irrid nawgura li din il-ħidma kollha tkompli dejjem tikber aktar fis-snin li ġejjin, sew minħabba li issa drajna naħdmu minn bini u uffiċċini ġodda, li żgur kattru l-ħidma tal-amministrazzjoni kollha mill-kumdita' tal-bini u bini addattat. Inħossni kburi li għandi dan it-*team* sabiex naħdem u nattwa dak li l-Kunsill japprova għall-ġid tal-lokalita' kollha.

## *3.0 Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill*

### 3.1 IL-FINANZI TAL-KUNSILL

### ID-DĦUL

| | |
|---|---|
| L-Allokazzjoni annwali għas-sena 2010 kienet ta': | € 981,508 |
| Dħul ieħor mill-Gvern | € 69,989 |
| | |
| **Dħul minn Bye-laws ta' €648** | |
| Bye-Laws - *Advertising on Street Furniture* | € 1,980 |
| Bye-Laws - Użu ta' Faċilitajiet | -€ 1,332 |
| | |
| **Dħul minn Kontravvenzjonijiet ta' €523,494** | |
| Id-Dħul minn ksur tal-Bye-laws u kontravvenzjonijiet | € 234,046 |
| Kontravvenzjonijiet minn Speed Cameras | € 235,499 |
| Sentenced Cases - Accrued Income | € 53,949 |
| | |
| **Id-Dħul minn attivitajiet oħra li jidher taħt Dħul Ġenerali ta' €123,141** | |
| Servizzi Komunitarji | € 7,958 |
| *Cultural Events* | € 2,900 |
| Kotba tal-Kunsill | € 0 |
| *Sponsorships* | € 150 |
| Dħul ieħor | € 0 |
| Dokument/ u *Information Charges* | € 1,178 |
| Dħul mill-*Media* | € 0 |
| Contractors' Guarantees Withdrawn | € 116 |
| Kontribuzzjonijiet | € 99,134 |
| *Refund of Expences* | € 0 |
| Insurance Claims | € 381 |
| Dħul minn Permessi | € 11,324 |
| | |
| **Id-Dħul totali għas-sena 2010 kien ta'** | **€ 1,698,780** |

### L-INFIEQ

| | |
|---|---|
| **Is-Salarji b'total ta' €148,440 kienu mqassma hekk:** | |
| Onorarja tas-Sindku | € 11,708 |
| Allowance Kunsilliera | € 13,600 |
| Salarju Segretarju Eżekuttiv | € 28,090 |
| Salarji ta' l-impjegati | € 85,732 |
| Kontribuzzjonijiet *Social Security* | € 9,310 |
| | |
| **Tiswijiet u manutenzjoni b'total ta' €141,005** | |
| Toroq u Bankini | € 97,022 |
| Sinjali u Tabelli tat-traffiku | € 2,028 |
| Marki tat-traffiku | € 33,608 |
| *Office Furniture & Equipment* | € 895 |
| *Other Repairs & Upkeep* | € 7,333 |
| Propjeta tal-Kunsill | € 119 |

**L-Ispejjeż għas-Servizzi b' Kuntratt laħħqu total ta' €819,791**

| | |
|---|---|
| Ġbir ta' Skart | € 244,141 |
| Ġbir ta'*Bulky Refuse* | € 12,394 |
| Kiri ta' *Skips* | € 2,631 |
| *Bring-in Sites* | € 5,382 |
| Knis u tindif ta' Toroq | € 103,753 |
| *Clean. & Maint Non-Urban* | € 13,675 |
| *Cleaning Public Conveniences* | € 27,681 |
| *Cleaning Council Premises* | € 6,961 |
| *Other Contractual Service* | € 9,222 |
| *Clean. & Main. Parks & Gardens* | € 61,254 |
| *Street Lighting* | € 32,364 |
| *Studies & Consultations* | € 242 |
| *Local Enforcement Expenses* | € 300,091 |

**Amministrazzjoni u spejjeż oħra €524,632**

| | |
|---|---|
| Dawl, ilma, telefon,etc. | € 26,570 |
| Xiri ta' Materjal *(Materials & Supplies)* | € 1,296 |
| Kera | € 233 |
| Sħubija f'Assoċjazzjonijiet Internazzjonali | € 192 |
| Spejjeż għat-tmexxija ta' l-Uffiċċju | € 7,167 |
| Spejjeż ta' Trasport għall-attivitajiet u xogħol | € 2,831 |
| Vjaġġar | € 3,581 |
| *Spejjeż għall-Informazzjoni għall-Pubbliku* | € 10,162 |
| *Insurance Cover* | € 5,587 |
| *Bank Charges* | € 195 |
| *Is-Servizzi Professjonali* | € 28,922 |
| *Training* | € 2,223 |
| *Visits - Foreign Delegations* | € 280 |
| *Other Hospitality Costs* | € 1,125 |
| *Annual General Meeting* | € 0 |
| *Social Events* | € 4,178 |
| *Cultural Events* | € 19,960 |
| *Community Services* | € 57,571 |
| Spejjeż Oħra Inċidentali | € 646 |
| *Provision for doubtful debts* | € 53,529 |
| *Counterfeit Cash* | € 20 |
| Deficit/(surplus) on disposal of assets | € 0 |
| *Depreciation* | € 298,364 |

| | |
|---|---|
| **Id-Ħruġ totali għas-sena 2010 kien ta'** | **€ 1,633,868** |

**Interessi fuq self mill-Bank kienu €8,417**

| | |
|---|---|
| Dħul mill-Interessi mill-Bank | € 210 |
| Ħruġ Interessi fuq self mill-Bank | -€ 8,627 |

**L-Infiq Kapitali laħħaq total ta' €227,862 kif ġej:**

| | |
|---|---|
| Akkwist ta' Proprjeta' | € 0 |
| Bini | € 0 |
| Titjib | € 2,704 |

| | |
|---|---|
| Tabelli | € 5,247 |
| Makkinarju u Apparat | € 13,074 |
| *Resurfacing* ta' Toroq | € 143,668 |
| *Assets under construction* | € 61,190 |
| *Motor Vehicle* | € 1,979 |

Is-Sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2010, kienet għal darb'oħra ikkaratterizzata minn ċaqlieq konsistenti sew fid-Dħul tal-Kunsill li ppermetta t-twettiq ta' numru akbar ta' proġetti kapitali li kienu ppjanati ferm qabel. Meta ssir analiżi bir-reqqa tad-dħul u n-nefqa ta' matul din is-sena, wieħed jinduna b'diversi tibdiliet mis-sena preċedenti, kif jidher fit-tabella t'hawn taħt, meħuda mill-*Annual Audit Report* 31 ta' Diċembru 2010/2009.

| Isem tal-Kont | Perċentwal Total 2010 | SENA 2010 | Żieda (Tnaqqis) Fuq sena ta' Qabel | Perċentwal Total 2009 | SENA 2009 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Dħul** | | € | | | € |
| Mill-Gvern | 62% | 1,051,497 | 353,637 | 54% | 697,860 |
| Infurzar tal-Liġi -Bye Laws | 0% | 648 | -908 | 0% | 1,556 |
| Infurzar tal-Liġi | 31% | 523,494 | -39,699 | 44% | 563,193 |
| Ġenerali | 7% | 123,141 | 94,840 | 2% | 28,301 |
| Urban Improvement Fund | 0% | 0 | 0 | 0% | 0 |
| Self mill-Bank | 0% | 0 | 0 | 0% | 0 |
| | 100% | **1,698,780** | | 100% | **1,290,910** |
| **Infiq** | | | | | |
| Is-Salarji | 9% | 148,440 | 55,588 | 7% | 92,852 |
| Manutenzjoni u Xogħlijiet | 9% | 141,005 | 18,587 | 10% | 122,418 |
| Servizzi Kontrattwali | 32% | 519,700 | 222,051 | 24% | 297,649 |
| Infurzar tal-Liġi | 18% | 300,091 | 3,071 | 24% | 297,020 |
| Amministrazzjoni | 11% | 172,739 | 60,217 | 9% | 112,522 |
| Proviżjonijiet | 3% | 53,529 | -110,833 | 13% | 164,362 |
| Deprezzament | 18% | 298,364 | 125,125 | 14% | 173,239 |
| | 100% | **1,633,868** | | 100% | **1,260,062** |

Wieħed għandu jinnota li din is-sena finanzjarja kienet fuq tnax-il xahar, u wieħed mill-ewwel jinnota li l-allokazzjoni finanzjarja flimkien ma' dħul ieħor mill-Gvern Ċentrali qabeż il-miljun euro. Dan ifisser li d-dipendenza tal-Kunsill mill-fondi li jirċievi mingħand il-Gvern Ċentrali li kienet tirrapreżenta 54% fis-sena 2009, din is-sena kienet 62% tad-Dħul Totali li kellu l-Kunsill. Din kienet sena oħra fejn il-Kunsill ġabar fondi bejn wieħed u l-ieħor daqs is-sena ta' qabel, sabiex b'hekk il-Kunsill seta' jkompli numru ta' proġetti kapitali oħra fil-lokalita'.

Id-Dħul totali għal din is-sena laħaq is-somma ta' €1,698,780.

Id-dħul mill-Infurzar tal-Liġi mqabbel mas-sena preċedenti baqa' stabbli. Dan ifisser li matul din is-sena l-Kunsill kellu 38% mid-dħul totali għas-sena 2010 iġġenerat minn attivitajiet oħra, minbarra d-dħul mill-allokazzjoni.

Il-Kunsill kompla jaħdem ferm bil-għaqal mill-introduzzjoni tad-delega ta' l-infurzar tal-liġi, fejn għaraf li jintroduċi aktar dixxiplina fil-lokalita' filwaqt li dejjem qed jinsisti li jkompli jara li r-residenti jifhmu aktar li l-infurzar tal-liġi qed jitħaddem għall-ġid tagħhom stess u tal-komunita' sħiħa. Il-Kunsill bl-ebda mod ma jindaħal fl-operat tal-Gwardjani Lokali, ħlief li dejjem jesiġi serjeta' u responsabilta' minn kulħadd li jħaddem din is-sistema. Dan sabiex jitnaqqsu l-abbużi li minnhom ma jgawdi ħadd, anzi joħolqu sitwazzjonijiet ta' ħsara fl-imġieba fil-komunita'. Is-sistema titħaddem b'għaqal u b'rispett lejn kulħadd. Il-Kunsill ma jfittix d-dħul mis-sistema iżda li s-serjeta' titħaddem f'kull ħin.

In-nefqa għal din is-sena kellha għal darb'oħra l-akbar taqliba. Għalkemm kien hemm żieda fin-nefqa totali, mqassma fuq tnax-il xahar, meta mqabbla mas-sena ta' qabel, l-Infurzar tal-Liġi kien ta' 18% mit-total kollu tan-nefqa. Din is-sena reġgħu ttieħdu proviżjonijiet ta' 3% dwar dħul dubbjuż li hemm possiblita' kbira li ma jkunux realizzati.

Ta' min ikun innutat li f'termini reali n-nefqa rikorrenti telgħet minn €922,461 f'disa' xhur, għal €1,281,975, fi tnax-il xhar. Fis-sena 2010 is-Salarji kienu 9% bħal manutenzjoni u xogħlijiet li kienu 9% tan-nefqa totali. Is-servizzi kontrattwali kienu 32%, l-Infurzar tal-Liġi 18%, u l-Amministrazzjoni 11% tan-nefqa rikorrenti.

Il-Kunsill dejjem jagħti attenzjoni partikulari lill-operat finanzjarju tiegħu, fejn minbarra li jiġu diskussi r-rapporti kollha li titlob il-Liġi dwar il-Kunsill Lokali, matul l-istess sena jiddiskuti separatament estimi tax-xogħlijiet diversi li jkun qed jipproponi, sabiex dejjem jassigura li qatt ma jasal biex ikollu *defiċit* fl-operat tiegħu. Huwa dan l-impenn li dejjem tħaddem fl-amministrazzjoni u li ser jitkompla jitħaddem fis-snin li ġejjin sabiex jinżamm il-livell għoli milħuq.

Din is-sena kienet ukoll sena oħra eċċezzjonali, għaliex filwaqt li l-Kunsill kompla bil-ħidma normali ta' kuljum u xejn ma naqas jew tħalla barra, irnexxielu wkoll jagħmel investiment ġdid bi proġetti kapitali li se jġibu tibdiliet kbar għall-ġid u t-tgawdija tar-residenti tal-lokalita', kif ukoll il-Kunsill imbarka fuq numru ta' proġetti li jsebbħu l-lokalita' u jgawdi minnhom kulħadd.

## *3.0 Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill (ikompli)*

### 3.2 IL-ĦIDMA TAL-KUNSILL

Din hija r-raba' sena tal-Ħames Kunsill. Dan il-Ħames Kunsill huwa mmexxi mis-Sindku Jesmond Aquilina bil-Viċi Sindku Kenneth Busuttil. Bir-Riforma tal-Kunsilli Lokali, dan il-ħames Kunsill għandu leġislatura ta' ħames snin sal-2012. U għalhekk dan il-Kunsill kompla jwettaq il-ħidma tiegħu fir-raba' sena b'ritmu qawwi bħalma dejjem kellhom il-Kunsilli kollha fis-snin ta' qabel. Għalhekk f'dan ir-rapport ser jingħata sommarju tax-xogħol u l-investiment kollu li twettaq mill-Kunsill matul din is-sena 2010.

### BINI ĠDID TAL-KUNSILL

Matul din is-sena l-Kunsill daħal għal investiment ġdid bil-proposta ta' xiri tal-ħanut/*garage* li jinsab ħajt ma' ħajt mal-bini tal-Kunsill. Dan it-tkabbir propost hu ppjanat li jitħaddem għas-servizz tar-residenti, uffiċċju għal *Customer Care* sabiex r-residenti jkunu moqdija fis-sular t'isfel mill-bżonnijiet kollha. B'hekk hu maħsub li tiddaħħal enerġija ġdida u s-servizz mill-uffiċċju tal-Kunsill jkomplu jkunu l-aqwa fil-gżira kollha. Dan sabiex il-ħidma amministrattiva tal-Kunsill, biż-żieda ta' dan l-ispazju ġdid fil-bini tal-Kunsill, iħalli mpatt akbar u aħjar fuq s-servizz li jingħata mill-Kunsill. Dan ikompli jawgura tajjeb għas-suċċess tal-Kunsill kollu, għaliex is-sigriet tas-suċċess huwa marbut ma' kemm ir-resident iħossu moqdi mill-Kunsill, fejn fih iħossu komdu.

### MANUTENZJONI TAT-TOROQ

Matul is-sena 2010, il-Kunsill, bħal kull sena, kompla jieħu ħsieb jara li t-toroq jkunu fl-aħjar kundizzjoni, speċjalment dawk il-partijiet tat-toroq li għadhom ma ngħatawx wiċċ tarmac, u allura huma l-aktar li jqajjmu problemi wara maltempati tax-xita. Dan huwa xogħol ta' manutenzjoni ta' partijiet tat-toroq li jinqalgħu b'riżultat ta' maltempati fejn jitfaċċaw ħsarat f'wiċċ it-triq, speċjalment f'dawk it-toroq li għadhom b'wiċċ tal-*cold asphalt*. Fost dawn it-toroq fejn il-Kunsill għamel xogħol ta' patching hemm Triq il-Belt Valletta, Triq l-Iljun, Triq tal-Ħandaq, fin-*non urban areas*, mill-iskola l-ġewwa lejn ix-Shooting Range kif ukoll lejn Triq is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħlas li tagħti għal Ħaż-Żebbuġ. Il-Kunsill għamel ukoll xogħol qawwi ta' patching fi triq fuq il-Wied il-Kbir sal-fabbrika tal-mushrooms, fi Triq il-Belt Valletta minn ħdejn Zammit Nursery 'l ġewwa u tul Triq Ħat-Attard, fi Triq is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħlas, fi Triq il-Wied mill-kalkara tal-ġir 'l ġewwa, fi Triq l-Iljun u Triq it-Tiġrija, u fi Triq ix-Xitwa lejn Triq il-Wied.

Matul din is-sena l-Kunsill kellu konferma dwar it-tiġdid tal-kuntratt mal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma dwar it-tiswija ta' dawk il-partijiet tat-toroq fejn ikun sar xogħol mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fit-tiswijiet tal-ħsarat li jseħħu fil-*mains* u servizzi. Wieħed jinnota li tant qed iseħħu ħsarat fil-pajpijiet tal-ilma, li ftit ftit il-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma qed tħaffer triq wara l-oħra f'Ħal Qormi, minħabba problemi ta' *leakages*. Ħafna drabi dawn il-ħsarat huma tort ta' materjal skadenti, li l-Korporazzjoni tuża', u minħabba li m'hemmx kontroll fuqhom, qed iħallu sfreġju sħiħ f'diversi toroq.

Il-Kunsill dejjem sostna li s-sistema fejn jiddaħħlu *mains* fuq iż-żewġ naħat tat-toroq, kienet tkun ferma aktar addattata fejn kieku ħafna minn dawn il-*leakages*

jissewwew mingħajr sfreġju f'nofs tat-toroq, speċjalment f'dawk it-toroq fejn ikunu għadhom kemm ingħataw t-tarmac! Sallum flus il-poplu mhux qed jitħaddmu b'mod xieraq u responsabbli biżżejjed, u dan mhux tort tal-Kunsill. Jeħtieġ tinstab soluzzjoni għaliex dan se jibqa' ċirku vizzjuż kif wara li jitlestew it-toroq bit-tarmac, l-istess toroq jerġgħu jitkissru sabiex isiru tiswijiet!

## RE-SURFACING BIT-*TARMAC* TA' TOROQ

Wara l-proġett kbir ta' Triq San Edwardu fl-2008-9, il-Kunsill kompla bi proġett akbar tul Triq il-Vitorja minn Triq l-Imdina sa Triq Guże Muscat Azzopardi fl-2009. L-għan tal-Kunsill kien li din it-triq tinbena mill-ġdid u jinbnew ukoll il-bankini, jinbidlu s-servizzi tal-ilma, tinbena mill-ġdid is-*central island* fi Triq il-Vitorja u din it-triq tingħata wiċċ ġdid bit-tarmac. Ma' Triq il-Vitorja saret ukoll Triq Guże Muscat Azzopardi. Dan kien, tista' tgħid wieħed mill-akbar proġetti ta' tarmac f'sena waħda.

Iżda l-Kunsill ma waqafx hawn, u matul l-2010 ta bidu wkoll għall-proġett ta' bini u kisi tat-toroq fuq ix-xaqliba tax-Shopwise, bit-toroq Nikol Montebello, Triq Marcell Attard Vagnolo u Triq Dun Ġorġ Fenech, flimkien mas-service road ta' Triq l-Imdina u Triq ta' Għar-Ram. F'dawn it-toroq il-Kunsill bena mill-ġdid il-bankini kollha, b'investiment mill-Kunsill u għajnuna ta' madwar tletin elf euro mill-*Urban Improvement Fund*, mill-MEPA.

Matul din is-sena komplew jitħejjew il-pjanijiet għall-2011 sabiex it-toroq 23 ta' April, parti minn Triq Pinto u Triq Dun Gwakkin Schembri jingħataw it-tarmac.

B'hekk il-Kunsill se jkun għamel 'l fuq minn 85% tat-toroq tal-lokalita' b'wiċċ ġdid ta' tarmac.

Matul din is-sena tħejja pjan sabiex il-Kunsill jidħol fil-proġett tal-*Public Private Partnership*, fejn kienu identifikati dawk it-toroq li ilhom aktar minn ħmistax/għoxrin sena li ngħataw it-tarmac. Iżda l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għadha ma għaddietx informazzjoni dwar xogħol meħtieġ fit-toroq magħżula, u l-proġett għadu ma ġiex iffinalizzat.

## PROĠETTI TA' L-*URBAN IMPROVEMENT FUND*

Permezz tal-fondi li l-Kunsill irċieva mill-*Urban Improvement Fund,* il-Kunsill seta' jibni mill-ġdid numru ta' bankini, li jinkludu dawk fi Triq Nikol Montebello, Triq Marcell Attard Vagnolo u Triq Dun Ġorġ Fenech, is-service road ta' Triq l-Imdina u Triq ta' Għar Ram.

Permezz ta' dawn il-fondi apposta maħsuba għat-tiġdid tal-lokalita', l-Kunsill seta' jaħdem dawn ix-xogħlijiet għal-lokalita'.

Matul din is-sena l-Kunsill kompla japplika permezz ta' proġetti ġodda għal aktar fondi fejn hu pprogrammat li fl-2011 jinbena mill-ġdid Ġnien Bertu Hyzler fi Triq Anġlu Borg bil-fondi li se jakkwista mill-Urban Improvement Fund.

## TENDERS

Matul din is-sena l-Kunsill ħareġ numru ta' sejħiet sabiex tiġġedded il-ħidma tal-Kunsill u dawn kienu jinkludu t-tender għall-Ġbir Bieb Bieb ta' l-iSkart Imħallat, tender għal żewġ kuntratti Knis ta' Toroq - *Street Sweeping Services*, tender għal *Maintenance ta' Traffic Signs u Road Markings, Tender tar-Resurfacing* ta' Toroq, u tender għas-Servizz ta' *Contract Management* tal-Kuntratti tal-Ġbir tal-Iskart, Knis u Non Urban. B'dawn it-tenders li ngħataw matul l-2010, l-Kunsill ikompli jmexxi l-lokalita' bl-aħjar mod, u jistenna li dawn il-Kuntratturi jaħdmu dejjem bl-aktar mod professjonali. Ta' min jinnota li fost dawn il-kuntratti diġa spikkaw il-Kuntratturi tal-ġbir ta' l-iskart u tal-knis li qed jagħtu servizz mill-aqwa u dan jawgura tajjeb għal-lokalita'.

## BANKINI

Ix-xogħol ta' bini mill-ġdid ta' bankini tkompla matul l-2010, fejn il-Kunsill ħa ħsieb il-bini mill-ġdid tal-bankini fi Triq Marju Pace, Triq Nikol Montebello, Triq Marcell Attard Vagnolo u Triq Dun Ġorġ Fenech, is-service road ta' Triq l-Imdina Triq ta' Għar Ram. Ma' dawn il-bankini, fejn sar ukoll xogħol ta' kisi mill-ġdid bit-tarmac, il-Kunsill għamel xogħol ieħor ta' bankini fi Triq tal-Ħlas, fejn hemm il-Kappella u l-Bank tal-BOV, madwar il-proġett tal-monument iddedikat lil Pulizija Roger Debattista, is-centre strip fi Triq il-Fontanier, tkomplija ta' Triq il-Wied, l-isqaq tas-Sorijiet fi Triq il-Kbira, Bankina tul Triq Amleto Spiteri, u Triq il-Kummerċ.

Il-Kunsill ħa ħsieb ukoll it-tiswija ta' partijiet ta' bankini oħra fil-lokalita', iżda ma jistax jagħmel dan ix-xogħol kontinwament fil-lokalita', għaliex skont ir-rapporti maħruġa mill-Perit tal-Kunsill dwar il-kundizzjoni tal-bankini fit-toroq kollha ta' Ħal Qormi, dan huwa proġett kbir li jirrikjedi fondi konsistenti biex isir ix-xogħol.

## KUNSILL TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Matul din is-sena l-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi introduċa bil-kollaborazzjoni tas-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport u l-KNZ (Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ) il-proġett tal-Kunsill taż-Żgħażagħ.

Dan il-proġett ħoloq opportunita' ġdida liż-żgħażagħ biex jinvolvu ruħhom u jkunu ċittadini attivi, billi jieħdu sehem attiv fi proċess politiku permezz ta' diskussjonijiet li jwassal għal teħid ta' deċiżjonijiet. Il-Proġett serva wkoll sabiex iż-Żgħażagħ semmgħu l-vuċi tagħhom fil-Kunsill Lokali u fil-komunita'. Dan serva wkoll sabiex inizjattiva taż-żgħażagħ ġiet approvata u mħaddma fil-lokalita' għall-ġid tar-residenti. Matul is-sessjonijiet ta' laqgħat li kellhom fil-Kunsill, dawn iż-Żgħażagħ ingħataw l-opportunita' li jiddiskutu sitwazzjonijiet li qed jaffettwaw il-lokalita'. Dawn il-laqgħat għenu liż-żgħażagħ jħejju proposta li għandha twassal għal titjib fil-lokalita' u fil-ħajja ta' l-istess residenti. Iż-Żgħażagħ issottomettew proposta li kienet magħżula mill-Kumitat Organizzattiv, u ġiet iffinanzjata mill-Gvern Ċentrali u mill-istess Kunsill.

## JUM ĦAL QORMI – ĠIEĦ ĦAL QORMI

Din is-sena wkoll kien organizzat b'suċċess Jum Ħal Qormi, b'numru ta' attivitajiet matul il-ġranet taċ-ċelebrazzjonijiet. Din is-sena kien organizzar marċ bil-

parteċipazzjoni tal-Għaqdiet kollha Qriema u tat-tliet Baned ta' Ħal Qormi li għadda minn quddiem il-bini tal-Kunsill sa Pjazza San Franġisk fejn ittellgħet attivita' mill-isbaħ fil-preżenza tal-Onor Dr. Chris Said fejn ingħata Ġieħ Ħal Qormi.

## ĠEMELLAĠĠ

Matul din is-sena wkoll tkompliet il-ħidma għat-twaqqif ta' l-ewwel ġemellaġġ. Fil-fatt matul ix-xahar ta' Novembru, is-Sindku akkumpanjat mill-Kunsillier Bjorn Azzopardi ġew mistiedna mis-Sindku tal-Comune di Santa Venerina għall-Festival EnoEtna, fil-ġżira ta' Sqallija.

Illum il-ġurnata nistgħu ngħidu li l-Kunsill Qormi u l-Comune di Santa Venerina għandhom relazzjoni tajba ħafna. Dan jixhdu l-kitba li ġiet ippreżentata mis-Sindku ta' Santa Venerina, Dottor Enrico Alfio Pappalardo lis-Sindku Aquilina.

## IL-ĠONNA

Matul din is-sena tkompliet ħidma kbira mill-ħaddiema tal-*Environmental Landscaping Consortium Ltd* fil-ġonna u *soft-areas* tal-lokalita'. Ħal Qormi hu mżejjen b'għadd ta' ġonna kbar, speċjalment dak fi Vjal De La Cruz, dak fi Triq Ġużè Cardona, Ġnien Tumas Fenech, kif ukoll Ġnien Federiku Maemple, il-Ġnien taż-Żebbuġ, Ġnien l-Armier u Ġnien tal-Funtana, minbarra r-*roundabout* ta' Pinto u r-*roundabout* ta' Triq Mdina.

Matul l-2010, il-Lokalita' ta' Ħal Qormi kienet imżejna bl-aqwa xogħol fil-ġonna, li kienu mimlija fjuri, tista' tgħid tul is-sena kollha. Dan ix-xogħol kollu huwa mertu tal-kunsill li nkiseb bil-ħidma bla waqfien tat-team ta' ħaddiema ta' l-ELC.

Sa minn Frar il-ħaddiema bdew iħawwlu eluf ta' pjanti tal-fjuri sabiex il-ġonna jispikkaw fl-aqwa tagħhom. Din is-sena t-temp kien ferm favorevoli, fejn Frar kien l-aħħar li fih rajna ftit xita. Għall-miġja tal-Papa f'Malta u b'mod partikulari d-daħla tiegħu fil-qalba ta' Ħal Qormi, il-Kunsill ħa ħsieb sabiex il-ġonna kollha jkunu mħawwla fjuri, għalkemm in-nuqqas ta' ilma fil-ġonna u *soft areas* kbar li qed jagħmilha kważi mpossibbli li l-ħajja tal-ġnien bil-fjuri tinżamm għal tul is-sena. Imma minn kmieni u matul in-nixfa tas-sajf, l-*Environmental Landscaping Consortium Ltd* ipprovda għadd ta' bowsers regolarment, mingħajr ħlas, sabiex in-nixfa ma tħallix aktar ħsara fil-ġonna li jkunu kkultivati matul il-kumplament tas-sena.

Din is-sena kienet fost l-aqwa sena f'dak li għandu x'jaqsam ma' taħwil ta' fjuri u żamma ta' ġonna bil-fjuri għal tul ta' żmien. Il-ġonna kienu mżewwqa bil-kuluri ta' diversi tipi ta' fjuri, u f'numru ta' ġonna komplew jitħawwlu numru ta' xitel tar-*Roses* bil-ħsieb li jitħawwlu aktar xitel tar-*Roses* f'numru ta' ġonna addattati għal dawn il-fjuri.

Dan jawgura tajjeb għall-futur għaliex huwa sinjal ċar li l-ħaddiema, li l-Kunsill għandu, huma kapaċi f'xogħolhom, kif ukoll li jifhmu l-eżiġenzi u l-miri tal-Kunsill, li l-ġonna u s-*soft areas* jinżammu fost l-aqwa tal-gżira kollha. Dan jixhdu s-sbuħija taż-żewġ *roundabouts*, dik ta' Pinto u l-oħra ta' Triq Imdina li jwarrdu tul is-sena kollha, bl-ilma li għandhom fil-ġwiebi mibnija fil-post. Ħasra li sal-lum

għadu ma nbediex ukoll il-*landscaping* tas-*centre strips* kollha tul Triq l-Imdina, kif ukoll il-*landscaping* ta' Triq Manwel Dimech, u Triq il-Mitħna.

Ħasra oħra l-kwantita' ta' ħmieġ u skart li qed jintefa' abbużivament f'ħafna minn dawn il-ġonna u postijiet, li qed jirrendi l-ħidma tal-ħaddiema f'tindif tal-post aktar milli f'kultivazzjoni tal-area. Ta' min isemmi wkoll il-vandaliżmu sistematiku li qed iseħħ f'dawn il-ġonna u tqaċċiet tax-xtieli li jkunu mħawwla, jirrendu ħafna mix-xogħol għal xejn.

Nirrepeti li l-Kunsill ukoll jeħtieġ jippjana l-ħolqien ta' ġwiebi f'numru minn dawn il-ġonna għall-ħażna ta' l-ilma tax-xita, sabiex dawn il-postijiet jinżammu jħaddru u bil-fjuri tul perjodu kollu tas-sena.

## VANDALIŻMU

Il-vandaliżmu bla sens fil-lokalita' tul din is-sena, kien għal darb'oħra pjaga. Sar tkissir u serq ta' tabelli fi Triq il-Vitorja malli tlestiet il-parti l-ġdida ta' din it-triq. Reġgħu insterqu għal darb'oħra s-siġar taż-żebbuġ tul il-parking area faċċata tas-Shopwise Supermarket, u f'postijiet ta' tgawdija tkissru u tħammġu tabelli fi Ġnien Federico Maempel, fi Ġnien de la Cruz. Dawn reġgħu kienu mkissra għal xejn b'xejn, u tħallew bħala vetrina ta' x'kapaċi jagħmel bniedem irresponsabbli b'kapriċċ. Ta' min jinnota li f'każ minnhom bil-ħidma tal-Pulizija, min kisser kien imġiegħel iħallas!

## TINDIF IEĦOR

Bħas-snin ta' qabel problema rikorrenti qed ikun il-ħaxix ħażin li jikber mingħajr kontroll sew taħt u fuq il-bankini, fil-fili, u sew fejn għad m'hemmx bankini mibnija. Il-Kunsill jagħmel regolarment dan ix-xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix minn mal-bankini kif ukoll tindif tal-lokalita' fejn m'hemmx bini u f'areji oħra bħal Triq l-Iljun u Triq id-Deheb Fin li sal-lum għadhom postijiet tal-mistħija fejn ukoll jintrema abbużivament kull tip ta' skart.

Matul din is-sena ftit li xejn naqas l-abbuż tar-rimi ta' l-iskart, bl-introduzzjoni tal-Bring-in Sites. Anzi wieħed jinnota li ħafna drabi dawn l-istess siti qed ikunu lok ta' abbużi sfaċċati ta' rimi ta' skart li m'għandux x'jaqsam ma' skart li suppost jintrema fil-*bring-in sites*.

Matul is-sena daħlu rapporti ta' tfigħ ta' skart u ħmieġ ieħor 'l hawn 'l hinn f'Ħal Qormi, u għalhekk il-Kunsill kellu jonfoq aktar spejjeż sabiex isir it-tindif xieraq, u għalhekk ħafna mill-enerġija u finanzi qed jinħlew sabiex il-lokalita' tinżamm kontinwament nadifa. Mhux l-ewwel darba li l-istess postijiet jerġgħu jitħammġu ftit siegħat biss wara li jkun sar it-tindif.

Għalhekk tinħass il-ħtieġa għall-azzjonijiet aktar drastiċi sabiex jitwaqqfu dawn l-abbużi min-nies irresponsabbli, li jew b'injuranza grassa, jew b'arroganza sfaċċata qed jarmu skart ġoff. Il-Kunsill jeħtieġ iħarrax il-ħidma sabiex jinqabdu dawn ir-residenti rresponsabbli li qed jikkaġunaw dan ir-rimi ta' skart bl-aġir tagħhom. Dan qed iseħħ kontinwament fi Triq l-Iljun, Triq tal-Ħandaq u Triq id-Deheb Fin, fejn b'mod abbużiv jintrema' skart ta' kull għamla. Iżda qabel ma' jsir sforz wieħed u s-sidien tal-containers jitwaqqfu milli jużaw dawn it-toroq bi ksur ta' l-istess liġi, ftit li xejn tista' ssir azzjoni serja mill-Kunsill.

## ATTIVITAJIET

Għal sena oħra, l-Kunsill irnexxielu joħloq b'suċċess anki fuq livell nazzjonali, numru ta' attivitajiet imwaqqfa mal-Għaqdiet kollha tal-lokalita'. Ta' min isemmi l-iSpringfest 2010, Lejl f'Casal Fornaro, il-Bread Festival u l-Wine Festival, il-ġirja tal-10km, u l-Fun Runs tat-tfal, li tellgħu l-isem Ħal Qormi għall-kapaċita' ta' ħolqien ta' attivitajiet ta' kwalita' kbira ma' Malta kollha. Dan is-suċċess hu mertu tal-ħidma kontinwa li l-Kunsill għandu mal-għaqdiet tal-lokalita', speċjalment ukoll bil-ħidma mingħajr waqfien ta' impjegata tal-Kunsill, li tinseġ il-bżonnijiet kollha għal suċċess fl-attivitajiet.

Il-Kunsill ma naqasx li jaħdem ukoll mar-residenti permezz ta' numru kbir ta' korsijiet, u nħolqot l-attivita' tal-Għoti taċ-ċertifikati. Il-Kunsill ħaseb ukoll għat-tfal fejn ħoloq l-After School Programme fiż-żewġ skejjel ta' Ħal Qormi.

## WEBSITE

Matul 2010 il-Kunsill kompla jaħdem fuq iż-żewġ *Web Sites* li għandu. Permezz tas-sit www.lc.gov.mt, imniedi taħt id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, u tas-sit www.qormilocalcouncil.com, il-Kunsill qed iwassal il-vuċi tiegħu fil-lokalita'. Dawn is-siti jeħtieġu ħafna u ħafna xogħol regolari fuqhom sabiex verament ikunu mezz ta' informazzjoni mill-Kunsill 'l barra. Teħtieġ ħidma ppjanata minn team maħluq apposta, li jkun immexxi minn Kunsillier responsabbli għal dan il-għan, lest li jaħdem sabiex dawn is-siti jinżammu ħajja.

## SKEMA TA' XOGĦOL TAL-ETC

Din is-sena wkoll tkompliet titħaddem l-iskema tal-ħaddiema ta' l-ETC fejn in-numru tela' għal ħames ħaddiema u b'hekk il-Kunsill beda proġett ieħor ta' xogħol b'dawn il-ħaddiema. Illum il-Kunsill għandu 5 ħaddiem tal-ETC u 2 tal-IPSL, li flimkien irnexxielhom jagħmlu programm ta' *upgrading* ta' żebgħa tal-ħadid tul Triq il-Wied kollha u Triq il-Deheb Fin f'Ta' Farsina li ngħataw dehra ġdida mill-qiegħ nett.

## SINJALI U TABELLI TAT-TOROQ

Iż-żebgħa tas-sinjali tat-toroq flimkien maż-żamma tat-tabelli tat-traffiku, huma responsabbilta' kbira għall-Kunsill. Minnhom tista' tiddependi ħajja! Il-Kunsill jagħti importanza kbira, dak kollu li għandu x'jaqsam ma' sinjali jew tabelli u marki tat-toroq.

Matul din is-sena wkoll il-Kunsill kompla jintroduċi żebgħa tas-sinjali tat-traffiku, f'dawk it-toroq li ma fihomx problemi, fejn jitħaddmu fil-prattika l-*Policies* maħruġa mill-Awtorita' magħrufa bħala Trasport Malta.

Matul is-sena 2010 il-vot li l-Gvern Ċentrali jalloka lill-Kunsill għal dan il-għan naqas, u għalhekk anke hawn, wieħed irid joqgħod attent liema xogħol ġdid jintroduċi, speċjalment meta dan irid jiġi miżmum f'kundizzjoni aċċettabbli regolarment fix-xhur ta' wara. Illum l-ispejjeż ta' tiġdid taż-żebgħa u t-tabelli kibru tant li l-Kunsill imnalla għandu s-sistema tal-LES, fejn il-flus li jinġabru jitħaddmu lura f'dan ix-xogħol, iżda meta dan id-dħul mhux sejjer jibqa' jidħol

għand il-Kunsill, s-sena d-dieħla, il-Kunsill irid ikun kawt dwar xogħol ġdid li jinbeda, għaliex mhux sejjer ikollu fondi.

Matul l-2010 ukoll seħħu atti ta' vandaliżmu fuq numru ta' tabelli tat-toroq, u dan l-abbuż minbarra li jiswa l-flus, jista' jikkaġuna inċidenti tat-traffiku li għad ikunu fatali għal xi ħadd. Għalhekk jeħtieg li l-Kunsill jaħdem sabiex iqajjem kuxjenza fil-lokalita' dwar dan l-abbuż ta' vandaliżmu, li minnu ma jgawdi ħadd.

## IMMANIĠĠJAR AĦJAR TAT-TRAFFIKU

Il-volum ta' traffiku li ta' kuljum qed jidħol fil-qalba ta' Ħal Qormi sabiex jaqtgħu dritt għal xi *roundabout*, jew sabiex iqassru d-dawra tas-sewqan mit-toroq arterjali, illum sar intollerabbli. Dan qed iseħħ kuljum, speċjalment filgħodu, fejn sewwieqa fi Triq l-Imdina jidħlu minn Triq il-Vitorja, għal Triq San Sebastjan sabiex jaslu fir-*roundabout* ta' Pinto u b'hekk ma jgħaddux mir-roundabout ta' Triq l-Imdina. Jew inkella jinżlu minn Triq il-Vitorja għal Triq Santa Katerina, għal Pjazza San Franġisk sabiex joħorġu għal Triq il-Mitħna, u l-*bypass*! Dan minbarra mijiet ta' vetturi oħra li qed jgħaddu minn Triq il-Ħelsien / Ħammieri, Triq il-Wied, sabiex jaqbdu Triq l-Imrieħel.

Dan qed ifisser numru esaġerat ta' vetturi li ta' kuljum qed joħnoq, jifga u jħammeġ bid-dħaħen it-toroq tal-qalba tal-lokalita`, meta hemm l-arterja Triq l-Imdina u Triq Manwel Dimech sabiex jieħdu dan it-traffiku. Ħasra li d-dħaħen kollha qed jibilgħuhom r-residenti Qriema! L-istess jista' jingħad għat-traffiku li jidħol minn Triq is-Sebħ/Triq il-Mitħna minn Pjazza San Franġisk sabiex jaqsam għal Ħal Luqa jew għal Ħaż Żebbuġ. Il-Kunsill għandu jibqa' jaħdem sabiex jinstabu metodi kif dan kollu jkun ikkontrollat, sabiex jitnaqqas it-tniġġiż tal-arja u tal-ħoss fil-qalba ta' Ħal Qormi, għal ġid ta' saħħet ir-residenti.

Għalhekk jeħtieġ li l-Kunsill jaħdem sabiex jikseb fondi ħalli jikkummissjona studju sabiex jinħolqu l-mezzi kif jitwaqqaf dan it-tip ta' traffiku mhux normali mill-qalba ta' Ħal Qormi.

## *ROAD HUMPS*

Illum l-i*speed limit* ġewwa Ħal Qormi kollu huwa 35Km fis-siegħa. U għalkemm fil-passat inħasset il-ħtieġa li jinbnew *road humps* f'diversi toroq bħala miżura sabiex ikun ikkalmat it-traffiku minn sewqan eżaġerat fil-lokalita', illum il-Kunsill għadu jirċievi regolarment talbiet għal bini ta' aktar *road humps*. Xorta waħda għadhom jidħlu numru ta' lmenti dwar sewqan esaġerat fl-istess toroq fejn hemm ir-*road humps*!

Għalhekk mingħajr ma rrikorra għal miżuri bħal dawn ta' *road humps* li jiswew ħafna flus minbarra li joħolqu wkoll fastidju minħabba l-ħsejjes lill-istess residenti li jkunu jgħixu qrib fejn ikunu nstallati dawn il-miżuri, kif ukoll lis-sewwieqa u lir-rikkieba. Il-Kunsill għandu jaħseb f'sistemi oħra ta' kkalmar tat-traffiku, għalkemm fejn il-Kunsill introduċa *Rumble Strips* b'tapit tat-*Thermoplastic*, xorta waħda kien hemm min kien kontra dawn il-miżuri. Iżda bħalma jiġri dejjem, ma tistax tikkuntenta lil kulħadd, għaliex għalkemm ir-riżultat kien li jitnaqqsu l-perikli, xorta waħda kien hemm tgergir għall-ħsejjes li jiġġeneraw.

Illum huma diversi l-ilmenti li qed jidħlu fil-Kunsill minħabba sewqan bla kontroll u *speed* eċċessiv fit-toroq sekondarji f'Ħal Qormi. Is-soluzzjoni mhix il-bini ta' aktar *road humps*, anzi l-Kunsill għandu jagħmel sforz akbar sabiex jgħallem r-responsabbilta' ta' sewqan meqjus fit-toroq ta' Ħal Qormi.

## GWARDJANI LOKALI

Is-sistema tat-tħaddim tal-gwardjani fil-lokalita' ta' Ħal Qormi, minn dejjem kienet mħaddma fuq medda ta' erbgħin siegħa fil-ġimgħa, u sal-lum din is-sistema għadha titħaddem bl-istess mod b'żieda ta' gwardjan ieħor f'ċerti ħinijiet tal-ġurnata. Il-Gwardjan responsabbli mil-lokalita' kollha mingħajr indħil fejn idur waqt ix-xogħol. Kull indħil, ġej minn fejn ġej, huwa kkundannat, għaliex b'hekk ikun qed jinħoloq abbuż!

Għalhekk kif is-sistema hija mħaddma preżentement, ma jfissirx li s-servizz huwa wieħed li qed jilħaq il-lokalita' kollha, jew li għandu jissoddisfa r-responsabbilta' tal-Kunsill li jara li l-lokalita' tkun imħarsa minn dawk l-abbużi rresponsabbli li jseħħu. Fl-istess waqt il-Kunsill mhux soddisfatt mill-aġir ta' xi gwardjani li flok jaħdmu b'responsabbilta', jfittxu x-xagħra fl-għaġina, u jispiċċaw jaġixxu rregolarment mas-sewwieqa.

Is-sistema tat-tħaddim tal-Gwardjani Lokali għadha l-bogħod milli tagħmel verament ġustizzja fil-lokalita`. Għad hemm toroq u postijiet fejn il-Gwardjan Lokali mhux qed jersaq, jew minħabba biża' jew minħabba projbizzjonijiet oħra mhux ġustifikati. Is-sistema issa kienet riformata u għalhekk wieħed jittama li r-riforma tfisser aktar professjonalita' mill-istess Gwardjani Lokali fit-tħaddim tas-sistema kollha.

Matul din is-sena kien maħsub li dan is-servizz jaqa' taħt it-tmexxija tar-Reġjun, iżda dan ma seħħx. Din il-bidla se ġġib piż fuq il-Kunsill għal ħafna raġunijiet u jekk ma jaħdimx bil-għaqal se jqumu diversi diffikultajiet.

## *CCTV CAMERAS*

Il-Kunsill għadu jirċievi talbiet, suġġeriment sabiex jintroduci CCTV cameras sabiex, skont kif jitressqu dawn it-tipi ta' suġġeriment, b'dan il-mod jitrażżnu numru ta' abbużi, speċjalment rimi ta' skart, abbuż mill-Bring-in sites ipparkjar ħażin, waqfien f'nofs toroq, ipparkjar ta' *containers* u abbużi oħra.

Kieku l-Kunsill ħaddem dawn il-pariri kieku nista' ngħid li l-Kunsill kien jinstalla CCTV camera fil-ġimgħa, speċjalment kull fejn hemm skips għas-separazzjoni tal-iskart! Ftit huma dawk li jaħsbu fl-ispejjeż involuti sabiex titħaddem camera! Barra minn hekk f'ħafna mill-każi, permezz tas-*CCTV cameras* ma jkunux identifikabbli l-persuni li jwettqu xi reat, u għalhekk dan l-apparat ikun qed iservi biss ta' deterrent.

Dan l-aspett għandu jkun mqajjem fir-Reġjun, aktar u aktar li r-responsabbilta' għat-tħaddim ta' dan is-servizz, se jgħaddi f'idejn ir-Reġjun.

## *SPEED CAMERAS*

Matul is-sena 2010 kien hemm tnaqqis fil-ħruġ ta' taħrikiet minn Speed Cameras, u dan għal fatt li s-sistema mħaddma minn dan l-appart jagħti lok li tindara, u kif wieħed joqrob lejhom, ħafna huma dawk li jnaqqsu l-veloċita` sabiex jevitaw li jinqabdu, u mmedjatament kif jinqabżu l-istess *speed cameras* jerġgħu jżidu fis-sewqan.

Ħafna mir-residenti jaħsbu ukoll li huwa possibbli u vijabbli li jkollok *speed cameras* f'toroq interni fejn is-sewqan huwa ta' 35Km, fil-qalba tal-lokalita'. Kif jiġri dejjem, malli triq tinbena u tingħata t-tarmac, ir-rapporti ta' sewqan eċċessiv jimmoltiplikaw. Triq midnija sewwa tagħti lok għal aktar sewqan qawwi.

Għal sena oħra ma tħaddmux il-*portable speed camera,* li tkun tista' titħaddem f'diversi toroq matul ħinijiet differenti tal-ġurnata. Ħasra għaliex dan biss jista' jddaħħal aktar responsabbilta' fis-sewwieqa, u sewqan eċċessiv ikun ikkontrollat.

## BOLLARDS

Sal-lum, il-Kunsill għad m'għandux *policy* dwar it-twaħħil ta' *bollards* fuq il-bankini. Għalkemm il-Kunsill dejjem sostna li fejn ikun hemm raġuni suffiċjenti ta' periklu, il-Kunsill għandu japprova t-twaħħil ta' bollards, u li deċiżjoni għal dan il-għan għandha tittieħed fil-Kunsill, biss sal-lum għadu ma ressaq l-ebda *policy*.

Hemm min jirraġuna li dawn il-bollards joħolqu impatt ta' dehra negattiva fil-lokalita' u għadhom jitneħħew, aktar u aktar minħabba li m'hemm l-ebda approvazzjoni mill-Awtorita' tat-Trasport ta' Malta. Għalhekk jeħtieġ li l-Kunsill joħloq *policy* dwar it-twaħħil ta' bollards ġodda fit-toroq.

Matul din is-sena tkompla x-xogħol ta' manutenzjoni u żebgħa ta' dawn il-bollards, sabiex dawn ikunu kollha f'lewn wieħed. Dan minbarra li jagħti dehra ta' ndafa u ordni f'kull triq fejn huma mwaħħlin, u joħloq impatt ta' uniformita' fil-lokalita'. Dawn huma ftit mill-miżuri sabiex titneħħa d-dehra negattiva ta' dawn il-bollards.

Il-Kummenti dwar dan is-suġġett li tressqu fis-snin ta' qabel għadhom jgħoddu sal-lum, u mhux lok li jkunu mill-ġdid repetuti.

Il-bollards, koroh kemm huma koroh, għandhom l-użu speċifiku tagħhom, u fejn dawn ma' jitwaħħlux b'abbuż tas-sens komun, dawn dejjem servew ta' protezzjoni għal min ikun fuq il-bankina. Sal-lum din il-problema tħalliet fuq l-ixkaffa!

## IL-KUNTRATT TAL-KNIS U NDAFA

L-indafa f'Ħal Qormi tiġi l-ewwel fil-ħidma tal-Kunsill. Saru passi kbar fit-tħaddim tal-kuntratti tal-knis u ndafa. u llum ir-rejalta' hija ferm differenti. Kulħadd jista' jaraha b'għajnejh.

Illum b'żewġ kuntratturi privati li mill-bidu wrew aktar responsabbilta' u sens ta' dover, il-lokalita' ħadet xejra nadifa. Iva għad baqa' *areas* fejn ma' dak kollu li jsir

regolarment xorta jibqgħu jiġġeneraw il-ħmieġ u dan għal diversi raġunijiet, iżda żgur mhux b'nuqqas tan-nies li huma responsabbli mill-indafa.

Dan ix-xogħol mill-kuntratturi tal-Kunsill qed iħalli mpatt qawwi bix-xogħol u s-servizz tagħhom, speċjalment fl-areji residenzjali fejn irnexxielhom jeqirdu l-ħaxix minn fuq u taħt il-bankini, kif ukoll naddfu akkumuli ta' skart imxerred 'l hawn u 'l hinn.

Illum l-enfażi tal-amministrazzjoni dejjem qed tkun li tingħata l-attenzjoni kollha xierqa fit-tħaddim ta' dan il-kuntratt, għaliex minbarra l-kobor tal-lokalita', dan il-Kuntratt huwa l-aktar xogħol importanti fil-lokalita'. Dan ifisser li l-programm ta' knis fil-lokalita' ta' Ħal Qormi illum jitmexxa b'eżerċizzju u kullimkien jintlaħaq b'mod regolari, fejn kull triq qed tinkines ta' l-anqas darbtejn fil-ġimgħa, filwaqt li dawk it-toroq b'aktar frekwenza ta' traffiku qed jinkinsu kważi kuljum.

Illum l-importanza tal-qtugħ ta' ħaxix minn fuq u taħt il-bankini, fil-postijiet kollha mibnija, xogħol li huwa parti mill-kuntratt u li huwa r-responsabbilta' tal-kenniesa li jinqata', hija prijorita' assoluta. U wara snin ta' esperjenza wieħed jista' jgħid li l-Kunsill mexa 'l quddiem fl-indafa bl-introduzzjoni ta' dawn iż-żewġ kuntratturi.

Għalkemm naqsu ħafna l-abbużi ta' rimi ta' skart, u skart goff, f'postijiet imwarrbin, xorta għad hemm residenti, li jew minħabba njoranza jew għaliex irresponsabbli u b'vendikazzjoni, xorta għadhom jarmu barra u għalkemm il-Kunsill joffri servizz regolari bla ħlas tal-ġbir ta' skart goff, xorta għad baqa' min hu rasu iebsa u ma jagħmilx użu minn dan is-servizz, anzi jarmi barra l-iskart tiegħu.

Il-Kunsill għandu jimbarka fuq eżerċizzju regolari f'ħinijiet diversi tal-ġurnata fejn isir patrolling għal dawn l-abbużi, speċjalment f'dawk il-postijiet li regolarment iseħħu dawn l-abbużi.

Kuntratt ġdid li l-Kunsill ħareġ b'tender lejn l-aħħar tas-sena 2009, jaħseb sabiex l-iskart imħallat jinġabar erba' darbiet fil-ġimgħa u fil-jumejn l-oħra jibda jinġabar biss l-iskart isseparat. Dan sabiex ftit ftit ir-residenti ta' Ħal Qormi jibdew jaġixxu b'aktar responsabbilta' u jagħżlu dak l-iskart li jista' jiġi maħdum mill-ġdid. Min hu responsabbli għalih u għal ta' madwaru qed jgħin f'dan il-proċess, iżda wara sena ta' tħaddim ta' din is-sistema għad fadal min ma jridx josserva dawn il-ġranet. U għalhekk il-Kunsill issa għandu jirreaġixxi u jħaddem wardens sabiex jinqabdu dawk li qed jabbużaw.

## IL-*BRING-IN SITES*

Għas-servizz tar-residenti ta' Ħal Qormi, matul din is-sena hemm seba' Bring-in Sites mxerrda fil-lokalita`. Dawn jinsabu • Triq id-Deheb Fin, • Triq in-Negozju, • Triq tal-Bajjada, • Triq Guze Duca, • Triq tal-Ħandaq, • Triq is-Sebħ (Fuq Tal-Blat 1), • Triq l-Iljun, u • Triq il-Belt Valletta (ħdejn iċ-Ċimiterju). Il-Bring-in site ta' Triq l-Iljun tneħħiet għaliex kienet abbużata kontinwament.

Il-Kunsill għandu bżonn ta' numru ta' proposti għal siti ġodda fejn jistgħu jitwaqqfu *bring-in sites* oħra. U matul din is-sena ddaħħlu għaxar siti oħra fejn jinġabar skart separat f'kontenituri iżgħar, li ġew introdotti mill-GreenMT.

Il-Kunsill ikompli jaħdem matul din is-sena sabiex il-*bring-in sites* installati jkunu mħaddma kif suppost u r-residenti jiġu mgħallma jużawhom b'mod aktar responsabbli wkoll.

## IL-KUNTRATT TAN-*NON URBAN*

Il-Kuntratt preżenti li jħaddem il-Kunsill ma jaħsibx għall-frekwenza fit-tindif ta' dawn iż-żoni *non-urban* u għalhekk il-Kunsill jiffaċċja sitwazzjoni fejn dak li tnaddaf illum jitħammeġ l-għada! Għalhekk il-Kunsill għandu jaħseb sabiex jintroduċi miżuri sabiex l-ammont preżenti mħallas għal dan is-servizz ikun verament adegwat biex ikopri tindif aktar frekwenti ta' dawn il-postijiet fil-kampanja.

Il-Kuntratt il-ġdid għandu jistipula kemm-il darba u meta għandu jsir it-tindif tal-areji tan-*non urban,* kif ukoll għandu jidentifika x'għandu jsir f'dawk iċ-ċirkostanzi fejn *areas* mhux inklużi fil-lista tal-kuntratt ikunu abbużati b'rimi ta' skart.

Il-kuntrattur tan-*Non-Urban* li jieħu ħsieb taż-żamma ta' ndafa u qtugħ ta' ħaxix fit-toroq 'l barra mill-qalba ta' Ħal Qormi, huwa ferm responsabbli f'xogħlu u dawn l-areji jinżammu b'mod regolari nodfa, u regolarment jirraporta rimi ta' skart abbużiv f'diversi areji fil-kampanja. Ħasra li t-tindif li jsir ma jitgawdix, u għad fadal min kuntent iħammeġ il-kampanja mingħajr ma jiggwadanja xejn!

Ir-rimi ta' l-iskart hija pjaga kontinwa, biss għadna lura sabiex ilkoll nieħdu nifs li nqerdet għal kollox. Għadna nsibu rimi ta' skart f'postijiet li qatt ma' noħolmu li jkunu abbużati, u b'materjal li ħafna drabi l-istess Kunsill joffri servizzi alternattivi b'xejn sabiex jinġabru mill-istess residenzi.

Il-Kunsill jeħtieġ li jżid l-ispezzjonijiet ta' dawn il-postijiet kollha li jaqgħu taħt in-Non Urban, kif ukoll li regolarment l-istess Kunsilliera jidħlu jaraw b'għajnejhom l-istat ta' dawn it-toroq u l-bżonnijiet urġenti li l-kampanja madwar Ħal Qormi jinħtieġilha.

## PROĠETTI

Proġett ieħor li l-Kunsill beda matul din is-sena u daqt wasal fi tmiemu matul is-sena 2010 huwa l-bini mill-ġdid tal-*Public Convenience* ta' Sqaq iż-Żenqa. Kulħadd jiftakar it-telqa' li kienet tinsab fiha din il-latrina, u issa sar xogħol sħiħ ta' ristrutturar tal-post kollu li sejjer ikun aċċessibbli għal kulħadd. Proġett ieħor li se jkun ferm utli għal kulħadd, fil-qalba ta' Ħal Qormi u li l-Kunsill mill-fondi tiegħu rnexxielu jibni mill-ġdid din il-*public convenience* tant meħtieġa.

## ĦADDIEMA TAL-KUNSILL

Matul din is-sena tkomplew diversi xogħlijiet ta' manutenzjoni permezz taż-żewġ ħaddiema ta' l-IPSL issekondati mal-Kunsill sabiex jagħmlu xogħol fil-lokalita`. Dan ix-xogħol ta' manutenzjoni qed jitkompla regolarment fuq l-għamara, bankijiet u bins u ġonna.

Il-ħidma ta' dawn il-ħaddiema matul is-sena li għaddiet kienet mitfugħa fuq numru ta' proġetti li biddlu d-dehra tal-lokalita'.

Mertu ta' dawn iż-żewġ ħaddiema li b'sengħa professjonali u servizz mill-aqwa li l-Kunsill irnexxielu juża' f'diversi proġetti. Dan jawgura tajjeb għal ħidma akbar fil-futur iżda jinħass il-bżonn li t-*team* ta' ħaddiema għandu jiżdied sabiex ilaħħaq mad-domanda ta' xogħol ta' manutenzjoni u ġdid li jeħtieġ li jsir.

## LIBRERIJI REĠJONALI U LOKALI

Matul din is-sena l-Kunsill kompla bl-investiment f'xiri ta' kotba ġodda għal-librerija. Permezz ta' fondi li l-Kunsill akkwista mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, l-Kunsill kompla jġedded u jżid l-ammont ta' kotba ġodda fil-librerija Reġjonali u dik Lokali, sabiex il-qarrejja żgħażagħ ikollhom servizz aħjar b'kotba aktar varji. Dan kollu qed isir għax il-Kunsill jemmen fil-ktieb bħala l-għodda ewlenija għat-tagħlim.

Dan minbarra li l-Kunsill ħa ħsieb iżid aktar xkaffar fiż-żewġ libreriji u jkabbar is-servizz mogħti mill-Kunsill.

## FTEHIM MA' L-GĦAQDIET

Il-ħidma mingħajr waqfien tal-Kunsill mas-Soċjetajiet u Għaqdiet tal-Baned u Għaqdiet Sportivi bl-organizzazzjoni ta' numru ta' attivitajiet u servizzi tkompliet ukoll matul din is-sena. L-attivitajiet kibru sewwa u l-lokalita' qed tgawdi bil-Marċ tal-Milied, il-Kunċert Annwali, l-festi ta' Jum Ħal Qormi, jiem tal-Karnival, Lejl f'Casal Fornaro, il-Festa tar-Rebbiegħa, il-Bread u l-Wine Festival u numru ta' attivitajiet oħra li bil-mod qed jikbru fuq livell nazzjonali.

Bit-tiġdid tal-ftehim mal-għaqdiet Qriema, il-Kunsill qed ikompli jiżra fost l-Għaqdiet il-ħeġġa sabiex toħroġ il-kapaċita' tagħhom u dan qed iħalli l-frott mixtieq fejn l-involviment u l-interess min-numru dejjem akbar ta' żgħażagħ u nies oħra qed iħalli riżultati kbar. Is-sehem tal-Kunsill f'dawn il-ftehim ma' l-għaqdiet taż-żgħażagħ hu wieħed sew ta' appoġġ amministrattiv kif ukoll finanzjarju. Għal dan il-għan il-Kunsill Lokali ħareġ sejħa sabiex jirċievi servizz fil-lokalita', liema servizz jiġi renumerat u b'hekk l-għaqdiet jipparteċipaw b'aktar interess fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet fil-lokal.

Il-Kunsill irid ikun il-katalist għal dawn l-attivitajiet kulturali li minnhom joħroġ dejjem aktar il-kapaċitajiet tal-lokal fl-oqsma kollha.

## KARNIVAL

Bħas-snin ta' qabel il-Kunsill reġa' approva n-nefqa sabiex tiġi organizzata sfilata tal-Karnival b'kontinwazzjoni mad-drawwa li issa nibtet sew fil-lokalita' għal ġranet tal-Karnival. Il-Kunsillier Jason Busuttil b'ħidma kbira organizza l-isfilata tal-Karnival ta' din is-sena f'Ħal Qormi fejn kien hemm armat palk żgħir minn fejn tqassmu t-*tokens* lill-parteċipanti wara l-isfilata u s-show li saret.

Ipparteċipaw b'suċċess f'dan il-Karnival numru ta' Baned, kif ukoll il-baned Qriema, u ma' dawn kien hemm ukoll karrijiet, sets ta' maskaruni u maskri oħra. Kollox irnexxa, u spiċċa b'ferħ u żfin u daqq. Dan jawgura tajjeb għal aktar suċċess fis-snin li ġejjin.

## *FESTIVALS*

Is-suċċess tal-Festival tal-Ħobż miċ-Ċentru Żgħażagħ San Sebastjan, kif ukoll il-Festival tal-Inbid mill-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ u tal-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi bl-attivita' mill-aqwa Lejl F'Casal Fornaro, tkomplew matul din is-sena wkoll. Ħasra li l-maltemp ħassar ħafna mill-ħidma tal-attivita' Lejl f'Casal Fornaro.

Il-Kunsill bħal dejjem jieħu ħsieb ta' ħafna mill-ispejjeż bħal tindif tal-Ħadd filgħodu, spejjeż ta' gwardjani u pulizija li jinqasmu fil-ħlas li jingħata għal dawn l-attivitajiet.

Din is-sena wkoll il-Kunsill reġa' rnexxielu jikseb fondi speċjali mill-Gvern Ċentrali għall-organizzazzjoni ta' dawn l-attivitajiet. Jeħtieġ li tikber din il-ħidma sabiex jittellgħu attivitajiet bħal dawn, sew għal ġid li jinħoloq u takkwista l-lokalita' kif ukoll għall-importanza li bih jissemma' Ħal Qormi permezz tas-suċċess li dawn l-attivitajiet iġibu.

## *STREET LIGHTING*

Il-Kuntratt ta' l-i*streetlighting* qed jitħaddem mill-Kunsill b'mod responsabbli f'dak li għandu x'jaqsam ma' bdil ta' bozoz maħruqa, li llum huma responsabbilta' tal-Kunsill.

Is-Servizz kien għal sena oħra verament wieħed regolari fejn il-manutenzjoni sar fl-iqsar żmien possibbli, jiġifieri fi żmien stipulat ta' tmint ijiem il-bozza kienet mibdula. Għad fadal numru ta' bozoz li meta jinħarqu jridu jinbidlu bil-fanal b'kollox, u huma dawn iċ-ċirkostanzi fejn ikun hemm ftit aktar dewmien minħabba l-approvazzjoni tal-bdil tal-fanal kollu.

Matul din is-sena l-Kunsill rnexxielu jagħmel installazzjoni ta' dawl ġdid f'numru ta' toroq bl-approvazzjoni tal-Enemalta, u dawn il-bozoz ġodda qed ikunu rrekordjati mal-listi uffiċjali tal-Korporazzjoni ta' l-Enemalta. Ta' min ifakkar li fejn isir xogħol mingħajr l-approvazzjoni tal-Korporazzjoni, l-Kunsill ma jirċievi l-ebda żieda fil-flus allokati għall-manutenzjoni tal-bozoz.

L-aktar problema li l-uffiċċju qed jiffaċċja dejjem b'aktar konsistenza huwa l-fatt li ħafna min-numri ta' identifikazzjoni tal-fanali illum jew waqgħu jew inkella tant iċċaraw li wieħed ma jistax jaqrahom. Dan qed jagħmel l-identifikazzjoni tal-fanal dejjem aktar diffiċli u għalhekk għandu jsir xogħol mill-ġdid ta' identifikazzjoni ta' kull bozza sabiex is-servizz ikun aktar effiċjenti. Sal-lum għadu ma sar xejn u d-diffikultajiet żdiedu kif żdied il-ħela ta' ħin sabiex isir ix-xogħol ta' identifikazzjoni meta l-Kunsill la għandu listi ta' residenzi f'kull triq u wisq anqas listi quddiem liema residenzi jinsabu dawn il-fanali fit-toroq.

Mis-sena d-dieħla, dan is-servizz se jgħaddi f'idejn ir-Reġjun, fit-tħaddim tiegħu. Hu ttamat li dan ma' jwassalx għal deterjorament tas-servizz, anzi hu ttamat li r-Reġjun għandu jixpruna aktar servizz effiċjenti.

## ĦIDMA SOĊJALI

Matul din is-sena wkoll, il-Kunsill kompla jorganizza diversi korsijiet, fosthom fuq il-kompjuter u korsijiet oħra bħal Ganutel u Ħjata, u korsijiet fit-Teknoloġija ta' l-

Informatika. Din is-sena l-Kunsill kompla b'suċċess akbar il-kors fl-induratura, liema kors sejjer ikompli fis-snin li ġejjin. Dan intlaqa' sew u l-istudenti li qed jattendu huma ferm soddisfatti.

L-attivitatjiet soċjali u kulturali għall-membri tal-komunita' sew żgħażagħ u sew anzjani kienu fost numru ta' attivitajiet li l-Kunsill irnexxielu jara li jkunu organizzati b'riżultat tal-ftehim milħuq mal-Għaqdiet taż-Żgħażagħ, li issa qed jitħaddem sewwa u b'mod regolari.

## IS-SUQ MIFTUĦ (MONTI)

Is-Suq Miftuħ (Monti) se jibqa' l-akbar sfida u uġigħ ta' ras għall-Kunsill. Dan kollu ġej mill-fatt li l-Ordni u d-Dixxiplina ħadd ma jrid joqgħod għaliha!

Għalkemm mill-2002 is-suq miftuħ ġie rregolat bil-liġi u l-lista uffiċjali u definittiva ta' kulmin għandu permess jarma fil-monti ta' Ħal Qormi, u fejn għandu jarma, tiġi mġedda u tidher ukoll fil-Gazzetta tal-Gvern skont il-liġi, meta d-dipartiment ifettillu li jippubblikaha!

Biss xorta waħda għad hemm min irid jibqa' jarma kif jidhirlu u jieħu spazju/posta kemm jidhirlu, jew iħossu superjuri għal kull regolament. U l-istess għad hemm min għadu jokrob li hu hekk kien jagħmel snin ilu, u hekk se jiba' jagħmel.

Dan kollu ma' dgħajjifx l-impenn u l-ħidma tal-Kunsill, li qatt ma ċeda għal dawn l-argumenti. Dan seħħ għaliex fil-Kunsill hemm qbil unanimu dwar dawk l-azzjonijiet li jistgħu jittieħdu sabiex tidħol id-dixxiplina fuq il-monti. Il-Kunsill qed ikompli jaħdem mal-pulizija sabiex jittieħdu aktar miżuri ma' dawk il-bejjiegħa tal-Monti li jarmaw abbużivament u fejn m'għandhomx permess li jarmaw jiġu ordnati jżarmaw. Il-Pulizija għandha tieħu passi kontra kulmin mhux qed jarma fil-monti skont kif imniżżel fil-lista uffiċjali li hija fil-Gazzetta tal-Gvern, tant li tressqu diversi abbużi fil-Qorti.

Il-Kunsill dejjem ħaseb u ħadem sabiex il-Monti jitneħħa minn madwar il-Knisja u minn mar-residenti, u jkun trasferit f'toroq oħra. Il-Kunsill baqa' jaħdem sabiex isib post alternattiv fejn jintrama' l-Monti, mhux biss għaliex l-aqwa pjazza qed tkun lok ta' ħmieġ u telqa' iżda sabiex l-istess residenti ta' Pjazza tal-GranMastru u Misraħ Narbona u Vjal De La Cruz jinħelsu mit-tbatijiet li jkollhom jgħaddu minnhom kull tmiem il-ġimgħa. Dawn il-pjani kienu diskussi u mressqa lill-Ministru responsabbli, iżda sal-lum l-ebda risposta ma ngħatat. Ukoll issa li l-pulizija u l-gwardjani lokali f'daqqa ċċaqalqu jagħtu ċitazzjonijiet lil kull min ikun ipparkat fi Triq Manwel Dimech waqt il-ħin tal-Monti. Attivita' li qatt ma saret fis-snin ta' qabel.

Il-Kunsill, bil-ħidma tas-Segretarju Eżekuttiv u mpjegata, sal-lum ħela ħafna enerġija fuq il-Monti, u dan il-Kunsill huwa meqjus li dejjem ħadem bil-għaqal kollu. Dejjem mexa f'dan il-qasam skont dak kollu li jippermettu r-regolamenti u liġijiet, imma jidher li qed jistinka għal xejn.

Il-Kunsill għandu jkun ukoll kuraġġuż li jaħmi suġġerimenti ġodda fejn is-Suq Miftuħ jista' jkun riallokat, sabiex jeħles darba għal dejjem mill-problemi ta' konġestjoni li jinqalgħu sibt wara sibt fl-areja tal-Knisja ta' San Sebastjan.

## 3.3 ORGANIZZAZZJONI

L-Organizzazzjoni tal-Kunsill hija msejsa fuq din l-istruttura:

Is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillieri, bis-Sotto Kumitati. Jeħtieġ li din il-ħidma tikber aktar u joħroġ aktar l-involviment f'dan il-qasam.

L-Uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv li tiġbor fiha s-Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti, s-Sezzjoni Finanzi u Akkwist ta' Servizzi, u s-Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani.

Għalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill ikun jista' jattwa bi prattiċita' l-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li din ssib l-aħjar sistemi bejn l-istruttura organizzativa fis-settur privat u dik fis-settur pubbliku.

Ir-rwoli ta' kull min hu nvolut fil-Kunsill, mis-Sindku u l-Kunsilliera 'l isfel, għandu dejjem ikun definit u miftiehem, fejn is-Sindku u l-Kunsillieri bħala *policy makers* imexxu u jiddeċiedu l-pjani ta' ħidma tagħhom, u minn hemm l-Amministratur, permezz tal-Uffiċċju tiegħu, jeżegwixxi dawk il-*policies* u d-deċiżjonijiet kollha maqbula mill-Kunsill, bl-aħjar mod possibli u fl-iqsar żmien mingħajr indħil tal-Kunsilliera.

L-objettivi tal-Kunsill huma mibnija fuq żewġ sisien prinċipali – l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaq mill-Kunsill u sabiex b'ekonomija, b'effiċjenza u b'effettivita' il-Kunsill ikollu l-aħjar paragun ta' spiża possibbli.

L-istruttura mħaddna fuq dawn il-kunċetti għandha wkoll tiggarantixxi *feedback* kontinwu f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' gvern lokali mhu ħadd għajr iċ-ċittadin tal-lokalita'.

## 3.4 SERVIZZ TAR-RELAZZJONIJIET MAR-RESIDENTI / KLIJENTI

### L-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV

L-Uffiċċju Amministrattiv hu mmexxi mis-Segretarju Eżekuttiv, skont l-Att 363 tal-Kunsilli Lokali u r-Regolamenti dwar il-Kunsilli Lokali, permezz tal-Avviżi Legali u l-proċeduri li minn żmien għal żmien jinħarġu, li jara li d-deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill ikunu attwati.

Din is-sena wkoll reġa' kien hemm żieda qawwija fil-*workload* tal-impjegati tal-Kunsill. Il-Ħames impjegati preżenti tal-Kunsill huma ferm flessibbli fix-xogħol tagħhom u dan huwa parti mis-sigriet tas-suċċess li bih qed jiffunzjona l-Uffiċċju tal-Kunsill. Il-ħidma ta' dan it-team ta' ħaddiema, f'kull livell ta' servizz li jagħtu, huwa ferm għoli u pożittiv, u żgur jinsab fil-quċċata tas-servizz mogħti mill-Kunsilli kollha f'Malta. Għall-qadi effiċjenti tal-funzjonijiet tal-Kunsill, il-Kunsill għandu jaħtar persuna waħda għal kull elfejn u ħames mitt resident, meta r-residenti ta' lokalità jfissru l-istess bħall-popolazzjoni ta' lokalità. (Kap 363, art 53.(1)(a))

Bil-għajnuna tal-ħidma ta' l-istess impjegati, il-Kunsill illum għandu żewġ *sites* fuq l-Internet, wieħed taħt id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, <u>*www.lc.gov.mt*</u>, għall-Kunsill Qormi, fejn hemm l-informazzjoni kollha dwar il-Kunsill flimkien mal-Minuti ta' l-istess seduti tal-Kunsill kif ukoll il-Bye-Laws kollha. U ma' dan, il-

Kunsill introduċa wkoll *site* ieħor fuq l-*internet,* www.qormilocalcouncil.com fejn wieħed jista' jsib aktar dettalji u nformazzjoni. Ta' min jinnota li jekk dawn is-siti ġodda tal-Kunsill ma jkunux imġedda kontinwament, ma narax li dawn is-siti jkun suċċess, għaliex isiru qisha xkaffa f'librerija b'kotba li ma jinbidlux, mimlija trab! Din hija għodda ġdida oħra li l-Kunsilliera għandhom iħaddmu għall-ġid tal-lokalita'.

Bl-introduzzjoni mill-Kunsill tal-ħlas tal-Local Enforcement System, tal-Liċenzji tal-Ħwienet, tal-Ħlas tal-Kera tal-Propjeta' tal-Gvern, tal-permessi tal-ftuħ ta' wiċċ it-triq, u permessi varji tal-Krejns, tad-Divertiment Pubbliku jew Attivitajiet oħra, ta' użu ta' Skips jew Bins on Wheels, il-kuntatt mal-klijenti/residenti li l-impjegati qed ikollhom ta' kuljum, illum ittrippla u għaldaqstant wieħed ikun korrett jgħid li fin-nofs ta' nhar ta' fil-għodu dan ix-xogħol ma jaqta' xejn, fejn qed jitħalla ftit spazju għal xogħol importanti ieħor amministrattiv li bilfors irid isir. Il-bini l-ġdid issa huwa attrezzat b'apparat elettroniku ta' *cameras* u rekordjar, biss xorta waħda dan kollu jitfa' responsabbilta' ta' attenzjoni kontinwa għal dak kollu li jkun qed jiġri fil-bini tal-Kunsill. Illum dan is-servizz qed jingħata wkoll tul in-nofs ta' nhar tas-sibt.

Bl-introduzzjoni u l-użu ta' sistemi elettroniċi, bħal *e-mails*, u *complaints handling* il-ġdid, wieħed b'daqshekk m'għandux jistenna li bl-użu ta' dawn is-sistemi jippretendi li x-xogħol isir f'ħakka t'għajn. Dan jgħodd għal kif jaħsbuha r-residenti, li jaħsbu li dawn is-sistemi sejrin iqabbżuh fl-ordni ta' xogħol li għandu jsir, jew inkella jirriżulta f'soluzzjoni mmedjata ta' l-ilment li jitressaq. L-aktar meta l-ilment li jitressaq ma jkunx ivverifikat u b'hekk spiss jiġri li tinħela ħafna enerġija meta jirriżulta li l-ilment ma jkun xejn qrib il-verita'.

Jinħass il-bżonn li tkun introdotta struttura effiċjenti li biha kull ilment ikun ivverifikat, u l-azzjoni li trid tittieħed tkun attwata fl-aqsar żmien. Meta għas-soluzzjoni ta' lment tkun mistennija l-intervent ta' xi entita' jew dipartiment barra mill-Kunsill, l-aġir tal-Uffiċċju tal-Kunsill ikun jikkonsisti f'moniteraġġ ta' dak l-ilment. Ħafna drabi, iżda, dan ikun possibbli biss permezz ta' emails u telefonati mill-istess uffiċċju. Iżda meta l-ilment ikun direttament responsabbilta' tal-Kunsill, sakemm ma jkunx jirrigwarda xi kuntrattur partikulari, wieħed irid jinnota li l-Kunsill m'għandux ħaddiema tiegħu sabiex isolvu problemi. Għalhekk ħafna drabi ikun jeħtieġ tul ta' żmien sabiex l-ilment ikun solvut u l-azzjoni neċessarja tittieħed.

Sal-lum inħoss li l-Uffiċċju tmexxa bl-aktar mod modern, responsabbli, dixxiplinat fejn l-ewwel qed jingħata każ tar-rispett lejn il-persuna ta' kull impjegat fil-Kunsill, li jrid iħossu apprezzat u responsabbilizzat fix-xogħol ta' kuljum tiegħu. Għaldaqstant impenn qawwi tal-amministrazzjoni tal-Kunsill huwa t-titjib fil-kwalita' tas-servizz mill-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni, partikolarment kif jiġu ttrattati l-ilmenti li huma ġustifikati, kif ukoll it-tixrid ta' nformazzjoni dwar il-Kunsill. Għal dan il-għan huwa pass ferm pożittiv dak li qed jieħu l-Kunsill li jkabbar il-*Customer Care Service* billi dan jiġi mwaqqaf fis-sular t'isfel tal-bini tal-Kunsill, fejn bdew il-proċeduri sabiex jinxtara ħanut li jmiss mal-Kunsill. Dan jawgura għal ħidma akbar.

Is-sezzjoni tar-Relazzjonjiet mal-Klijenti kompliet ittejjeb l-effiċjenza tagħha bl-introduzzjoni tas-sistema eletronika ta' l-irrapurtaġġ ta' l-ilmenti. Din qed twassal biex il-klijenti/residenti tagħna jinqdew aktar malajr jew aħjar ikunu jafu x'azzjoni qed tittieħed dwar l-ilment imressaq, skont kif maħsub fir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali – Ilmenti, kif ukoll tippermettilna li nżommuhom kontinwament

aġġornati bis-sitwazzjoni li jkun wasal fiha l-ilment tagħhom u fuq kollox sakemm dan jissolva. Regolarment nippublikaw l-istatistika tal-ilmenti fin-newsletter tal-Kunsill flimkien ma' nformazzjoni oħra utli.

Matul din is-sena n-numru ta' ilmenti kien ukoll kostanti u pparagunat mas-snin ta' qabel wieħed jista' jinnota progress fil-ħidma tal-Kunsill. Dan kollu jirrifletti f'xogħol li l-Kunsill jagħmel sabiex iservi lil-lokalita'.

| | **Sena 2005** | **Sena 2006** | **Sena 2007** | **Sena 2008** | **Sena 2009** | **Sena 2010** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Talba ghal *patching* fit-toroq | 42 | 24 | 77 | 101 | 56 | 55 |
| Bankini | 24 | 36 | 46 | 36 | 32 | 32 |
| Ħmieġ fit-toroq/Kenniesa | 230 | 117 | 245 | 202 | 126 | 182 |
| Nuqqasijiet fil-ġbir ta' skart | 126 | 58 | 75 | 134 | 89 | 93 |
| Ġbir ta' skart goff mid-djar | 2969 | 4185 | 3982 | 3247 | 2593 | 3114 |
| Talbiet ta' xogħol mill-Kunsill | 413 | 382 | 305 | 293 | 176 | 185 |
| Tindif ta' toroq mhux urbani | - | - | - | - | - | |
| Talbiet għall-intervent tal-Gwardjani Lokali | 10 | - | - | - | - | |
| Manutenzjoni mill-Kunsill | 0 | - | - | - | - | |
| Kuntratturi tal-Kunsill | 28 | 176 | 79 | 69 | 127 | 64 |
| Oħrajn | 22 | 77 | 61 | 83 | 72 | 60 |
| Korporazzjoni Enemalta | 131 | 141 | 143 | 167 | 138 | 146 |
| Korporazzjoni għas-Servizzi ta'l-Ilma | 189 | 161 | 152 | 210 | 210 | 204 |
| Dipartiment tad-Drenaġġ | 69 | 83 | 84 | 96 | 82 | 98 |
| Wasteserve ( Bring-in Sites) | - | - | - | - | 22 | 75 |
| Maltacom p.l.c. | 12 | 8 | 13 | 17 | 0 | 0 |
| Pulizija | 129 | 109 | 115 | 122 | 132 | 78 |
| Sanita' | 50 | 66 | 57 | 42 | 49 | 52 |
| MEPA | 30 | 15 | 36 | 20 | 6 | 1 |
| Posta Ltd | - | - | - | - | - | - |
| Talba għal-lampi ġodda | 14 | 19 | 13 | 11 | 6 | 6 |
| Gonna | 16 | 34 | 47 | 28 | 39 | 52 |
| Vetturi mitluqin | 89 | 89 | 43 | 24 | 11 | 29 |
| Awtorita'Dwar it-Transport ta' Malta | 82 | 62 | 87 | 75 | 36 | 30 |
| Konsultazzjonijiet | 10 | 11 | 13 | 30 | 11 | 14 |
| Gbir ta' annimali mejta mit-toroq | 30 | 36 | 41 | 43 | 41 | 33 |
| Manutenzjoni ta' lampi tat-toroq | 256 | 259 | 259 | 344 | 292 | 332 |
| Nuqqasijiet mir-Residenti | - | - | - | - | - | 98 |
| **TOTALI** | **4971** | **6148** | **5973** | **5394** | **4346** | **5033** |

Il-ħidma fuq dawn l-ilmenti jokkupa regolarment żewġ impjegati kuljum tal-Kunsill. Dawn minbarra li janalizzaw il-problemi, jiddiskutuhom mas-Segretarju Eżekuttiv għall-azzjoni li għandha tittieħed u jibdew proċeduri ta' verifika ta' dawn l-ilmenti, li uħud minnhom ma jkunux verifikabbli, jaraw ukoll li jinfurmaw lid-

dipartimenti, jew kuntratturi u persuni responsabbli fejn dawn l-ilmenti jiġu solvuti għas-sodisfazzjon tar-residenti.

Ħafna drabi, iżda jinħela ħafna żmien prezzjuż għaliex l-ilment ikun nieqes minn informazzjoni korretta, jew l-ilment/rapport ma jkunx korrett, u minħabba l-fatt li l-Kunsill m'għandux sistema u mezzi sabiex jivverifika mmedjatament l-istess ilmenti li jidħlu. Fil-Kunsill ma jeżistix dak ix-'xi ħadd' li jista' jitqabbad jagħmel dan ix-xogħol! U għalhekk bilfors ikun hemm dewmien qabel ma jkun ivverifikat l-ilment, minbarra li kull xogħol jieħu ż-żmien tiegħu sabiex jitlesta, minħabba l-proċeduri kollha li jridu jkunu eżegwiti.

Is-sistema teħtieġ tibdil radikali sabiex tkun aktar effettiva, fejn hemm bżonn li titqabbad persuna sabiex tkun responsabbli direttament mill-ilmenti, li tmur ukoll fuq il-post tivverifika l-ilment, sabiex tirraporta dwaru b'mod effettiv lis-Segretarju Eżekuttiv ħalli jittieħdu l-passi meħtieġa. Bl-introduzzjoni ta' Contract Manager, qed ikun maħsub li ħafna minn dan l-għan għandu jintlaħaq.

## IMPJEGATI TAL-KUNSILL

L-Istaff kollu tal-Kunsill iwettaq b'ħidma kontinwa r-responsabbiltajiet kollha tal-Kunsill u huwa mpossibli li wieħed jelenka bid-dettalji kollha l-ħidma li jwettqu l-istaff tal-Kunsill. Ix-xogħol meħtieġ sabiex jirnexxu kemm il-laqgħat, kif ukoll kull xogħol ieħor tal-Kunsill f'Ħal Qormi, ħafna drabi jieħu ħafna xogħol moħbi, xogħol li jkun ippreparat u jitlesta mill-impjegati tal-Kunsill.

Ta' dan nirringrazzja l-ħidma bla waqfien li dejjem jagħtu l-impjegati kollha tal-Kunsill, ħafna drabi b'xogħol ukoll barra mill-ħin normali, u dan kollu jagħmel is-suċċess kbir li l-Kunsill Qormi qed jikseb tul dawn is-snin tal-ħidma tiegħu.

Illum l-impjegati tal-Kunsill kapaċi jmexxu l-Uffiċċju b'effiċjenza mill-aqwa, u kapaċi jaħdmu meta jingħataw ir-responsabbilta` kollha. Bħas-sena l-oħra erġajt ipproponejt li l-impjegati għandhom jingħataw il-*performance bonus* kollu, u l-Kunsill approva dan għax ressaqt *performance appraisal* ta' kull impjegat fejn kienet analizzata l-ħidma ta' kull impjegata fil-Kunsill u ġew imkejla t-*targets* li tpoġġew kif ukoll tressqu *targets* ġodda għas-sena li ġejja, fejn l-enfażi sejra terġa' tkun fil-ħidma ta' kuljum, bejn xulxin, f'uffiċċju dejjem aktar effiċjenti.

B'uffiċċju effiċjenti rridu nifhmu li kulħadd ikun jaf dak li qed isir u għaliex! Li kulħadd ikun responsabbli fix-xogħol li jagħmel ta' team, għaliex b'team ta' impjegati mġedded u msaħħaħ, fejn hemm stħarriġ fil-ħidma ta' kuljum, u kulħadd jaf sewwa x'għandu jagħmel, jiena ċert li kapaċi nagħtu l-aħjar servizz lir-residenti kollha mill-uffiċini tal-Kunsill.

## *CONTRACT MANAGERS*

Il-Kunsill Qormi introduċa din is-sena s-servizz ta' *Contract Manager* sabiex jagħmel superviżjoni tal-kuntratti ta' Servizz ta' Tindif ta' Toroq, għall-Ġbir tal-Iskart Domestiku, it-Tindif tat-Toroq mhux Urbani u għalhekk b'dan ix-xogħol ta' superviżjoni, fil-Kunsill, se jkollu sa fl-aħħar lil xi ħadd li hu responsabbli li jressaq rapporti uffiċjali u għalhekk kull azzjoni li tittieħed tkun ibbażata fuq rapporti dwar l-ilmenti li jidħlu fil-Kunsill.

Dan is-servizz huwa mmirat li jgħin l-uffiċċju dejjem aktar. B'hekk il-Kunsill irid ikompli jagħmel suċċess akbar fil-ħidma tiegħu, u għalhekk se jaħdem b'mod aktar professjonali f'dan il-kamp ukoll, kif jitolbu l-istess regolamenti.

## 3.4 RIFORMA KUNSILLI LOKALI

Din kienet l-ewwel sena mid-dħul fis-seħħ tal-liġi dwar ir-Riforma tal-Kunsilli Lokali. Kulħadd konxju li mit-twaqqif tagħhom 15-il sena ilu, il-Kunsilli Lokali taw kontribut qawwi lil-lokalitajiet Maltin u Għawdxin u issa permezz ta' din ir-riforma approvata, il-Kunsilli Lokali għandu nifs ġdid li se jġib titjib akbar fil-mod kif jitmexxew il-lokalitajiet, fejn il-kunsillieri se jkollhom aktar poter u responsabilita' biex imexxu l-belt jew r-raħal tagħhom.

Kulħadd konxju li meta kunsillier jiġi elett ma jsirx espert f'daqqa waħda fuq is-suġġetti kollha li jikkonċernaw il-Kunsill u għalhekk huwa mportanti li kull kunsillier jingħata t-taħriġ meħtieġ sabiex jagħraf l-aħjar mod kif jista' jagħti dan is-servizz. Il-Kunsill issa żdiedulu r-responsabilitajiet u l-obbligi.

Il-Kunsill issa jrid jaħdem aktar u jfittex proġetti għall-bżonnijiet varji tal-lokalita' u japplika għal aktar fondi mill-Unjoni Ewropea. L-enfażi issa trid issir biex inżommu l-lokalita' kollha aktar nadifa, għalhekk jeħtieġ li l-Kunsill jagħti aktar attenzjoni biex jeduka r-residenti.

Matul din is-sena l-Gvern Ċentrali kompla jressaq numru ta' fondi ġodda għall-Kunsilli fosthom fond għall-Kunsilli Lokali biex jittellgħu attivitajiet kulturali. Ħafna minn dawn il-fondi qed jinfetħu b'kollaborazzjoni bejn is-Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni u dan il-fond kien mmirat biex jittellgħu attivitajiet fix-xhur fejn it-turiżmu normalment ma jkunx fl-aqwa tiegħu.

## 3.5 KONKLUŻJONI

Din hija fil-qosor il-ħidma tal-Kunsill għal din is-sena 2010. Ta' min jinnota li matul is-sena, saru ħafna u ħafna aktar interventi u xogħlijiet mill-impjegati tal-Kunsill u mis-Segretarju Eżekuttiv li ma nkludejthomx f'dan ir-rapport.

Dan kollu għen sabiex il-Kunsill jagħti l-aħjar servizz, għaliex l-għan tal-Kunsill huwa li jagħti l-aqwa servizz lir-residenti, u dan ġie applikat u mħaddem b'mod mill-aktar konsistenti f'din r-raba' sena tal-Ħames leġislatura tal-Kunsill, u se jibqa' jitħaddem bl-aħjar mod 'l quddiem.

**John Farrugia**
**Segretarju Eżekuttiv**
20 ta' Ġunju, 2010

## *Statement of income and expenditure* (Siltiet mill-*Annual Audit Report)*

### L-Iskeda ta' Varjazzjonijiet fid-Dħul u fin-Nefqa

**Statement of Income and Expenditure**

| | 2010 |
|---|---|
| | € |
| **Income** | |
| Funds received from Central Government | 1,051,497 |
| Income raised under Local Council Bye-Laws | 648 |
| Income raised under Local Enforcement System | 523,494 |
| General Income | 123,141 |
| | **1,698,780** |
| **Expenditure** | |
| Personal Emoluments | -148,440 |
| Operations and maintenance | -960,796 |
| Administration and other Expenditure | -524,632 |
| | **-1,633,868** |
| **Operating surplus for the year / period** | **64,912** |
| Finance Income | 210 |
| Finance Cost | -8,627 |
| | 56,495 |
| Loss on sale of assets | -598 |
| asset impairment losses | -2,959 |
| **Surplus for the year / period** | **52,938** |

## ***Statement of Affairs*** **(Siltiet mill-*****Annual Audit Report)***

**Statement of Affairs**

| | 2010 | 2009 |
|---|---|---|
| | **€** | **€** |
| **ASSETS** | | |
| **Non-Current Assets** | | |
| Property, plant and equipment | 2,690,571 | 2,764,729 |
| | **2,690,571** | **2,764,729** |
| **Current Assets** | | |
| Receivables | 369,781 | 370,220 |
| Cash and cash equivalents | 31,602 | 15,056 |
| | **401,383** | **385,276** |
| **Total Assets** | **3,091,954** | **3,150,005** |
| **RESERVES AND LIABILITIES** | | |
| **Reserves** | | |
| Retained earnings | 2,375,845 | 2,322,906 |
| **Total Equity** | **2,375,845** | **2,322,906** |
| **Non-currrent Liabilities** | | |
| Long-term borrowings | 176,414 | 192,554 |
| Deferred Income | 206,770 | 223,011 |
| | **383,184** | **415,565** |
| **Current Liabilities** | | |
| Payables | 308,159 | 386,768 |
| Short-term borrowings | 24,766 | 24,766 |
| | **332,925** | **411,534** |
| **Total Liabilities** | **716,109** | **827,099** |
| Total equity and liabilities | **3,091,954** | **3,150,005** |

## *Statement of Changes in Equity* (Siltiet mill-*Annual Audit Report*)

**Statement of Changes in Equity**

| | Retained Funds € | Total € |
|---|---|---|
| **At 1 April 2009** | 2,297,978 | 2,297,978 |
| Surplus for the period | 24,929 | -24,929 |
| **At 31 December 2009** | **2,322,907** | **2,322,907** |
| | | |
| **At 1 January 2010** | **2,322,907** | **2,322,907** |
| Surplus for the period | **52,938** | **52,938** |
| **At 31 December 2010** | **2,375,845** | **2,375,845** |
| | | |
| **Equity interests** | **2,375,845** | **2,375,845** |

***Cash Flow Statement* (Siltiet mill-*Annual Audit Report*)**

**Cash Flow Statement**

| | 2010 | | 2009 | |
|---|---|---|---|---|
| | € | € | € | € |
| **Net surplus for the year** | 52,938 | | 24,929 | |
| Reconciliation to cash generated from operations | | | | |
| Depreciation | 298,364 | | 173,239 | |
| Impairment losses | 2,959 | | 339 | |
| Loss on sale of assets | 598 | | 0 | |
| Movement in Provision for Bad Debts | 53,529 | | 164,361 | |
| Interest receivable | (210) | | (16) | |
| Interest payable | 8,627 | | 5,935 | |
| Operating profit before working capital changes | 416,805 | | 368,787 | |
| (Increase) in inventories | - | | - | |
| Decrease in receivables | -14,694 | | 40,568 | |
| (Increase) in other receivables | -38,396 | | -247,989 | |
| (Decrease) in payables | 10,905 | | 45,822 | |
| (Decrease) in other payables | -96,880 | | 101,673 | |
| (Decrease) in other payables | -23,876 | | -12,302 | |
| Cash generated from operating activities | | 253,864 | | 296,559 |
| **Cash flow from investing activities** | | | | |
| Interest received | 210 | | 16 | |
| Purchase of property, plant & equipment | -227,862 | | --382,897 | |
| Proceeds from sale of property, plant & equipment | 100 | | - | |
| Receipt of grant | 15,000 | | - | |
| Cash generated from investing activities | | -212,552 | | -293,853 |
| **Cash from financing activities** | | | | |
| New long term bank borrowings | 8,627 | | 9,390 | |
| Repayment of short term bank borrowings | -33,393 | | -24,509 | |
| Cash generated from financing activities | | -24,766 | | -15,129 |
| **Net Decrease in cash in the year** | | 16,546 | | -12,426 |
| Cash and equivalents at beginning of year | | 15,056 | | 27,479 |
| **Cash and equivalents at end of year** | | 31,602 | | 15,056 |